IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## Notifika tal-Kummissjoni dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja fil-Liġi Ambjentali tal-UE

(2017/C 275/01)

**WERREJ**

*Paġna*


| | | |
|---|---|---|
| A. | INTRODUZZJONI: AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA FIL-LIĠI AMBJENTALI TAL-UE | 2 |
| B. | IL-KUNTEST LEGALI: IL-QRATI NAZZJONALI U L-LIĠI AMBJENTALI TAL-UE | 4 |
| C. | IL-GARANZIJA TAL-AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA AMBJENTALI | 6 |
| 1. | INTERESSI PUBBLIĊI. OBBLIGI U DRITTIJIET RILEVANTI GĦALL-EŻERĊIZZJU TAL-PROTEZZJONI ĠUDIZZJARJA ... | 6 |
| 1.1. | Introduzzjoni | 6 |
| 1.2 | Interessi pubbliċi, obbligi u drittijiet | 6 |
| 1.3. | L-iżgurar ta' rwol attiv tal-pubbliku, is-salvagwardja tad-drittijiet u l-ħarsien tal-obbligi | 7 |
| 2. | LOCUS STANDI | 11 |
| 2.1. | Introduzzjoni | 11 |
| 2.2. | Talbiet għal informazzjoni ambjentali u intitolament għar-riċevuta ta' informazzjoni | 11 |
| 2.3. | Attivitajiet speċifiċi li huma soġġetti għal rekwiżiti tal-parteċipazzjoni pubblika | 12 |
| 2.4. | Talbiet għal azzjoni skont ir-regoli dwar ir-responsabbiltà għall-ħsara ambjentali | 16 |
| 2.5. | Suġġetti oħra, bħal leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali, atti regolatorji ġenerali, pjanijiet u programmi u derogi | 16 |
| 3. | KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAR-RIEŻAMI ĠUDIZZJARJU | 19 |
| 3.1. | Introduzzjoni | 19 |
| 3.2. | Il-motivi possibbli tar-rieżami ġudizzjarju | 20 |
| 3.3. | Intensità tal-iskrutinju/tal-istandard tar-rieżami | 22 |
| 4. | RIMEDJI EFFETTIVI | 27 |
| 4.1. | Introduzzjoni | 27 |
| 4.2. | Rimedji fil-każ ta' difetti proċedurali minuri | 27 |
| 4.3. | Sospensjoni, revoka jew tħassir ta' deċiżjonijiet jew ta' atti irregolari, inkluża d-diżapplikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-atti regolatorji | 28 |
| 4.4. | Struzzjonijiet dwar il-miżuri omessi li jridu jiġu adottati | 29 |

4.5. Ir-rimedjar ta' ħsara irregolari kkawżata minn deċiżjoni, minn att jew minn omissjoni irregolari ............ 29

4.6. Miżuri interim ............ 30

5. SPEJJEŻ ............ 31

5.1. Introduzzjoni ............ 31

5.2. Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk l-ispejjeż humiex projbittivi ............ 32

5.3. Għajnuna legali ............ 34

6. TERMINI PERENTORJI, TEMPESTIVITÀ U L-EFFIĊJENZA TAL-PROĊEDURI ............ 34

7. INFORMAZZJONI PRATTIKA ............ 35

D. KONKLUŻJONI ............ 36

ANNESS I ............ 37

ANNESS II ............ 38


## A. INTRODUZZJONI: AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA FIL-LIĠI AMBJENTALI TAL-UE

1. L-ambjent hu dak li jagħtina l-ħajja u wirt kulturali. Il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib huma valur Ewropew komuni, bil-liġi ambjentali tal-UE li tistabbilixxi qafas komuni ta' obbligi għall-awtoritajiet pubbliċi u ta' drittijiet għall-pubbliku.

2. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni adottata riċentement "Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar" ([1]) tisħaq li, meta l-obbligi jew id-drittijiet skont id-dritt tal-UE jkunu affettwati f'livell nazzjonali, irid ikun hemm aċċess għall-qrati nazzjonali f'konformità mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva stipulat fit-Trattati tal-UE u mar-rekwiżiti mnaqqxin fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

3. Id-dritt tal-UE jagħraf li, fil-qasam tal-ambjent, l-aċċess għall-ġustizzja jrid jirrifletti l-interessi pubbliċi li huma involuti.

4. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ([2]) ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus") tistabbilixxi li, f'ċerti każijiet, persuni fiżiċi u ġuridiċi (bħal organizzazzjonijiet nongovernattivi, "NGOs") jistgħu jifthu kawża quddiem qorti jew quddiem korp imparzjali ieħor sabiex ikunu jistgħu jiġu rieżaminati atti jew omissjonijiet ta' korpi pubbliċi jew privati ([3]). Din ġiet irratifikata mill-Istati Membri kollha u mill-UE ([4]).

5. Minbarra li b'dan jiġi ssodisfat impenn internazzjonali, l-iżgurar li l-individwi u l-NGOs ikollhom aċċess għall-ġustizzja skont din il-Konvenzjoni hu mezz importanti wkoll ta' kif titjieb l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-liġijiet ambjentali tal-UE mingħajr ma jkollha bżonn tintervjeni l-Kummissjoni.

6. Ir-Regolament ta' Aarhus, (KE) Nru 1367/2006 japplika l-Konvenzjoni ta' Aarhus għall-istituzzjonijiet u għall-korpi tal-UE. Għall-Istati Membri, ċerti siltiet mil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE fihom dispożizzjonijiet dwar l-aċċess veloċi għall-ġustizzja li jirriflettu dawk tal-Konvenzjoni ([5]).

7. Barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja armonizzata tal-UE, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi attwali fl-Istati Membri dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali jvarjaw b'mod konsiderevoli ([6]). Fl-istess ħin, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("QtĠ") qatgħet sentenzi sinifikanti li ċċaraw ir-rekwiżiti tal-UE dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, kemm fi ħdan kif ukoll barra l-kuntest tal-leġiżlazzjoni sekondarja armonizzata. Ir-riżultat hu korp imdaqqas u siewi ta' ġurisprudenza tal-QtĠ li jkopri l-aspetti kollha tas-suġġett.

([1]) C(2016)8600.
([2]) http://www.unece.org/fileadmin/DAM/env/pp/documents/cep43e.pdf.
([3]) Ara b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) u (3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.
([4]) Id-Deċiżjoni 2005/370/KE.
([5]) Pereżempju, id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE.
([6]) http://ec.europa.eu/environment/aarhus/studies.htm

8. F'dan l-isfond, ġew identifikati diversi problemi:

— L-individwi u l-NGOs huma affettwati b'mod avvers minn ostakli għall-aċċess għall-qrati nazzjonali. Dan jgħin sabiex jispjega għaliex qrati nazzjonali differenti ppreżentaw fluss ta' referenzi preliminari lill-QtĠ sabiex ifittxu kjarifika dwar jekk jenħtieġx li jingħata l-aċċess u b'liema kundizzjonijiet. Il-pubbliku jkun affettwat b'mod iktar indirett meta l-aċċess ineffettiv għall-ġustizzja jikkontribwixxi għal nuqqasijiet fl-implimentazzjoni, eż. livelli ta' tniġġis fl-arja mhux tajbin għas-saħħa li jirriżultaw minn nuqqas ta' azzjoni amministrattiva.

— L-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-qrati nazzjonali jaffaċċjaw piżijiet minħabba litigazzjoni ffokata fuq kwistjonijiet relatati mal-aċċess għall-ġustizzja. Jenħtieġ li l-forniment ta' iktar ċarezza fuq il-bażi tal-ġurisprudenza eżistenti tal-QtĠ jikkontribwixxi għall-amministrazzjoni pubblika kif ukoll għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

— In-negozji huma affettwati b'mod negattiv minn dewmien fit-teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi relatat ma' litigazzjoni li tieħu fit-tul minħabba regoli mhux ċari dwar l-aċċess għall-ġustizzja, bħal rigward id-drittijiet relatati mal-*locus standi* u l-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami ġudizzjarju. Il-qrati nazzjonali qed jeliminaw dejjem iktar id-diskrepanzi fil-liġi proċedurali nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam tal-*locus standi*, iżda, minħabba li d-deċiżjonijiet tagħhom huma relatati ma' każijiet speċifiċi, ma jistgħux jipprovdu ċ-ċarezza u l-prevedibbiltà neċessarji sabiex jiggwidaw id-deċiżjonijiet relatati mal-investiment.

It-twaqqit u qafas legali ċar huma ta' rilevanza partikolari għal intrapriżi żgħar u medji ("SMEs") li ma jistgħux jaffordjaw proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal għalxejn u inċertezza dwar ir-riskji u l-ambitu tal-litigazzjoni. In-negozji jistgħu jbatu wkoll meta l-aċċess ineffettiv għall-ġustizzja jikkontribwixxi għal nuqqas milli jiġu pprovduti bl-ambjent nadif li fuqu ħafna minnhom jiddependu jew nuqqas mill-gvern milli jagħmel investimenti li huma tajbin għall-ekonomija ekoloġika.

9. Wara li kkunsidrat diversi għażliet, il-Kummissjoni ddeċidiet li Komunikazzjoni Interpretattiva dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (jiġifieri din in-Notifika) tkun l-iktar mezz xieraq u effettiv biex jiġu indirizzati l-problemi. Billi tiġbor flimkien il-ġurisprudenza sostanzjali eżistenti kollha tal-QtĠ, u billi tislet bir-reqqa inferenzi minnha, din tkun qed tipprovdi ċarezza sinifikanti u sors ta' riferiment għal dawn li ġejjin: l-amministrazzjonijiet nazzjonali li huma responsabbli għall-iżgurar tal-applikazzjoni korretta tal-liġi ambjentali tal-UE; il-qrati nazzjonali, li jiggarantixxu rispett għad-dritt tal-UE u li huma kompetenti biex jirreferu mistoqsijiet dwar il-validità u l-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE għall-QtĠ; il-pubbliku, b'mod partikolari l-individwi u l-NGOs ambjentali, li jeżerċitaw rwol ta' rappreżentanza tal-interess pubbliku; u l-atturi ekonomiċi, li jaqsmu interess fl-applikazzjoni prevedibbli tal-liġi. Il-proċedura ħafifa tal-adozzjoni tgħin lill-Kummissjoni twettaq inizjattiva effettiva fit-terminu qasir.

10. L-għażla ta' tkomplija b'"żamma tal-istatus quo" u ta' bbażar biss fuq il-ġurisprudenza tal-QtĠ għall-evoluzzjoni ma tqisitx li kienet xierqa fid-dawl tal-ħtiġijiet individwati. Għażla leġiżlattiva fil-forma ta' strument legali ddedikat ta' aċċess għall-ġustizzja ma ġietx ikkunsidrata iktar minħabba l-esperjenza bi proposta tal-Kummissjoni tal-2003 ([7]) li baqgħet fil-Kunsill għal iktar minn deċennju mingħajr ma ntlaħaq xi qbil u lanqas ma jidher li hemm prospettiva li se jintlaħaq wieħed ([8]). Finalment, approċċ leġiżlattiv skont is-settur, li jiffoka fuq iż-żieda ta' dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja f'oqsma li fihom ġew individwati sfidi speċifiċi (bħan-natura, l-ilma, l-iskart u l-arja) ma jgħinx fit-terminu qasir u l-leġiżlatura tal-UE xorta waħda ma tidhirx li bħalissa hi riċettiva ([9]).

11. In-Notifika hi bbażata fuq dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u fuq il-ġurisprudenza tal-QtĠ. Tindirizza kif il-pubbliku jista' jikkontesta deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi quddiem qorti jew korp simili, filwaqt li tkopri l-*locus standi*, l-intensità tal-iskrutinju u r-rimedji effettivi li jrid jipprovdi l-imħallef nazzjonali, u diversi salvagwardji oħra. B'dan il-mod, tipprovdi idea ċara ta' x'hemm bżonn f'livell nazzjonali sabiex tinżamm konformità ma' dawn ir-rekwiżiti.

([7]) COM(2003) 624 final.

([8]) Għaldaqstant, din il-proposta ġiet irtirata mill-Kummissjoni fl-2014, ara Tneħħija ta' proposti tal-Kummissjoni li ma jkunux baqgħu applikabbli (ĠU C 153, 21.5.2014, p. 3).

([9]) Meta kienu qed jinnegozjaw id-Direttiva (UE) 2016/2284 dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet, il-Kunsill u l-Parlament ikkunsidraw li jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja, iżda ddeċidew li jillimitaw ir-riferiment għall-aċċess għall-ġustizzja għal premessa.

12. F'każ li l-Istati Membri jkollhom jieħdu miżuri biex jiżguraw il-konformità, dawn se jkunu megħjuna jagħmlu t-tibdiliet neċessarji, inkluż permezz ta' skambji skont ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali ("EIR") adottat riċentement ([10]). Fis-6 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni adottat l-ewwel ħarsa ġenerali komprensiva li qatt saret dwar kif il-politiki u l-liġijiet ambjentali tal-UE huma applikati fil-prattika. Dan juri li l-politiki u l-liġijiet ambjentali jaħdmu iżda li hemm diskrepanzi kbar f'kif inhuma mdaħħlin fis-seħħ fil-prattika madwar l-Ewropa. L-iktar diskrepanzi urġenti fl-implimentazzjoni bejn l-Istati Membri jinstabu fl-oqsma tal-politika ta' mmaniġġjar tal-iskart, tan-natura u tal-bijodiversità, tal-kwalità tal-arja, u tal-kwalità u tal-ġestjoni tal-ilma. Il-Komunikazzjoni dwar l-EIR u t-28 rapport speċifiku għall-pajjiżi jwittu t-triq għal approċċ pożittiv u kostruttiv sabiex titjieb l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u din in-Notifika hi suppliment importanti għal dan.

13. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti legali eżistenti skont l-*acquis* tal-UE, il-Kummissjoni se tibqa' tuża wkoll proċeduri ta' ksur biex tiżgura l-issodisfar tagħhom.

14. Filwaqt li ffokat fuq l-ambjent, in-Notifika taqbel sew mal-ħidma usa' tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, u mal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u mal-Qafas tal-UE għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt ([11]). Sistemi ġudizzjarji effettivi jaqdu rwol kruċjali fiż-żamma tal-istat tad-dritt u tal-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fl-iżgurar tal-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-UE u tal-fiduċja reċiproka. Għalhekk, it-titjib fl-effikaċja tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali hu waħda mill-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, iċ-ċiklu annwali tal-UE tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tassisti lill-Istati Membri biex jiksbu ġustizzja iktar effettiva billi tipprovdi data komparattiva dwar il-kwalità, l-effiċjenza u l-indipendenza tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali ([12]). Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2014, il-Kummissjoni adottat qafas ġdid biex tindirizza t-theddidiet sistemiċi għall-istat tad-dritt fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tal-UE ([13]). Ir-rispett għall-istat tad-dritt hu prerekwiżit għall-protezzjoni tal-valuri fundamentali kollha elenkati fit-Trattati, inklużi d-drittijiet fundamentali.

15. Il-kamp ta' applikazzjoni tan-Notifika hu limitat għall-aċċess għall-ġustizzja b'rabta ma' deċiżjonijiet, ma' atti u ma' omissjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri. Din ma tindirizzax il-litigazzjoni ambjentali bejn partijiet privati ([14]). Lanqas ma tikkonċerna r-rieżami ġudizzjarju tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-UE permezz tal-Qorti Ġenerali, li hu indirizzat mir-Regolament ta' Aarhus, 1367/2006. Barra minn hekk, filwaqt li l-Avviż hu allinjat mill-qrib mal-ġurisprudenza tal-QtĠ, il-QtĠ innifisha biss tista' tipprovdi interpretazzjonijiet definittivi.

16. Fi ħdan dawn il-limiti, in-Notifika se tikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar tal-liġi ambjentali tal-UE fl-Istati Membri billi tiċċara kif il-pubbliku jista' jibbaża fuq il-qrati nazzjonali, li spiss ikunu f'pożizzjoni aħjar li jidentifikaw soluzzjonijiet xierqa peress li huma eqreb għall-fatti u għall-kuntest tagħhom. B'dan il-mod, in-Notifika se tikkontribwixxi għall-istat tad-dritt ukoll, valur fundamentali tal-ordinament ġuridiku tal-UE.

## B. **IL-KUNTEST LEGALI: IL-QRATI NAZZJONALI U L-LIĠI AMBJENTALI TAL-UE**

17. Il-qrati nazzjonali huma "l-qrati ordinarji" għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE fi ħdan l-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri. ([15]) Għandhom is-setgħat li jirrieżaminaw deċiżjonijiet li huma inkompatibbli mad-dritt tal-UE u jordnaw kontibuzzjoni finanzjarja għad-dannu kkaġunat ([16]).

18. L-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali hu intrinsiku għal-liġi ambjentali tal-UE, u hu msejjes fuq il-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-UE li huma riflessi fid-dispożizzjonijiet tat-Trattati tal-UE, fil-Konvenzjoni ta' Aarhus u fil-leġiżlazzjoni sekondarja kif interpretata fil-ġurisprudenza tal-QtĠ.

([10]) http://ec.europa.eu/environment/eir/country-reports/index_en.htm
([11]) COM(2014) 158 final
([12]) Fl-2008, il-Kummissjoni nediet ukoll programm għat-taħriġ tal-imħallfin fil-qasam tal-liġi ambjentali tal-UE. Permezz ta' moduli ta' taħriġ disponibbli online, l-imħallfin nazzjonali u l-istituti ta' taħriġ jistgħu jiksbu għarfien aġġornat u preċiż dwar suġġetti differenti tal-liġi ambjentali tal-UE, bħall-aċċess għall-ġustizzja, ir-responsabbiltà għall-ħsara ambjentali, l-ilma u l-iskart.
([13]) COM(2014) 158 final
([14]) Din hi indirizzata fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rimedju Kollettiv, 2013/396/UE.
([15]) Opinjoni 1/09, *Ħolqien ta' Sistema Unifikata ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim fil-Qasam tal-Privattivi*, EU:C:2011:123, raġuni 80.
([16]) C(2016)8600, p. 4.

19. Il-liġi ambjentali tal-UE tkopri l-leġiżlazzjoni tal-UE li tikkontribwixxi għas-segwiment tal-objettivi li ġejjin tal-politika tal-UE dwar l-ambjent ([17]) stipulati fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE):

— il-preżervazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem;

— l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali; u

— il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jitrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari li jiġġieldu t-tibdil fil-klima.

20. Din il-leġiżlazzjoni toħloq firxa wiesgħa ta' obbligi li l-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri jridu jissodisfaw, u hi rilevanti għal kategoriji sinifikanti ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

21. Filwaqt li tisħaq li d-dritt tal-UE hu ordinament ġuridiku għalih u awtonomu, il-QtĠ approvat u żviluppat il-prinċipji ġenerali — bħal dawk ta' ekwivalenza u ta' effikaċja ([18]) — biex jiddefinixxuh u jappoġġjawh, filwaqt li tirrikonoxxi l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri ([19]), jiġifieri s-setgħa li jistabbilixxu l-ħtiġiet proċedurali dettaljati tagħhom stess.

22. L-istat tad-dritt jinkludi protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-UE. Dan hu rifless fid-dritt primarju tal-UE. L-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jeħtieġ li "*[l-]Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni*". Barra minn hekk, meta jimplimentaw id-dritt tal-UE, l-Istati Membri huma marbuta bl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li fl-ewwel paragrafu tiegħu jnaqqax id-dritt ta' rimedju effettiv, billi jistabbilixxi li "*[kull] persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi tal-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu*". Jenħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 19(1) tat-TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta japplikaw biss fil-qasam tad-dritt tal-UE. L-Artikolu 47 tal-Karta jikkorrispondi għall-Artikolu 6 u għall-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) li, rispettivament, inaqqxu d-dritt għal proċess ġust u d-dritt għal rimedju effettiv.

23. Il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva hi marbuta mill-qrib mal-interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE mill-QtĠ u mal-possibbiltà għall-qrati nazzjonali — u kultant ir-rekwiżit għal dawn — li jippreżentaw mistoqsijiet dwar il-validità u l-interpretazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-UE lill-QtĠ permezz ta' referenza preliminari skont l-Artikolu 267 tat-TFUE. Ir-rwol tal-Artikolu 267 jista' jinxteħet f'dubju jekk l-aċċess għall-qrati nazzjonali jkun impossibbli jew isir estremament diffiċli.

24. Kemm ilha li ġiet irratifikata mill-UE u ddaħlet fis-seħħ, il-Konvenzjoni ta' Aarhus saret parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-UE u vinkolanti fuq l-Istati Membri skont it-termini tal-Artikolu 216(2) tat-TFUE ([20]). Għalhekk, fi ħdan il-qafas ta' dak l-ordinament ġuridiku, il-QtĠ fil-prinċipju għandha ġurisdizzjoni li tieħu deċiżjonijiet preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' ftehim bħal dan ([21]).

25. L-objettiv tal-Konvenzjoni hu li "*tikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-dritt ta' kull persuna tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri li tgħix f'ambjent adegwat għas-saħħa u għall-benesseri tagħha*" ([22]). Għal dak l-għan, tobbliga lill-partijiet kontraenti biex jiggarantixxu tliet kategoriji wisgħin ta' drittijiet għaċ-ċittadini u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom, jiġifieri drittijiet ta' aċċess għall-informazzjoni, drittijiet ta' parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet, u drittijiet ta' aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali.

26. L-aċċess għall-ġustizzja hu indirizzat fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni. Fl-istruttura tagħha, din id-dispożizzjoni tirrifletti t-tliet "pilastri" msemmija hawn fuq tal-Konvenzjoni u tenfasizza li d-drittijiet ta' aċċess għall-ġustizzja huma awżiljari għal drittijiet oħrajn u jappoġġjaw lil dawn ([23]). Il-Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ([24]) ippubblikata mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Aarhus tipprovdi gwida ulterjuri għall-partijiet kontraenti dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni, għad li ta' min ifakkar li "*l-Gwida m'għandha ebda forza vinkolanti u m'għandhiex l-effett normattiv tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni*" ([25]).

([17]) Ara l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

([18]) Ara pereżempju l-Kawża C-115/09 *Bund für Umwelt und Naturschutz*, paragrafu 43 u l-Kawża C-570/13 *Gruber*, paragrafu 37.

([19]) Il-Kawża C-416/10 *Križan*, paragrafu 106.

([20]) Il-Kawża C-243/15 *Lesoochranarske zoskupenie VLK II (LZ II)*, paragrafu 45.

([21]) Ara C-240/09 *Lesoochranarske zoskupenie VLK I (LZ I)*, paragrafu 30, dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

([22]) L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

([23]) L-Artikolu 9(1) jirreferi għad-dritt separat ta' aċċess għall-informazzjoni; L-Artikolu 9(2) hu relatat mad-drittijiet ta' parteċipazzjoni fi proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar attivitajiet speċifiċi; L-Artikolu 9(3) ikopri atti u omissjonijiet li jiksru l-liġi ambjentali b'mod ġenerali. L-Artikolu 9(4) jindirizza r-rimedji u t-tempestività u l-ispejjeż tal-proċeduri fil-paragrafi preċedenti.

([24]) The Aarhus Convention: An Implementation Guide, second edition 2014 (Il-Konvenzjoni ta' Aarhus: Gwida ta' Implimentazzjoni, it-tieni edizzjoni 2014).
http://www.unece.org/env/pp/implementation_guide.html

([25]) Ara l-Kawża C-182/10 *Solvay u oħrajn*, paragrafu 27.

27. Il-QtĠ iddikjarat li hu f'idejn il-qorti nazzjonali li, bl-għan li tiżgura protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mil-liġi ambjentali tal-UE, tinterpreta l-liġi nazzjonali tagħha b'mod li jkun l-iktar konsistenti possibbli mal-objettivi stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Aarhus ([26]).

28. L-UE adottat leġiżlazzjoni dwar l-ambjent li fiha rekwiżiti espliċiti dwar l-aċċess għall-ġustizzja ([27]).

29. Il-korp imdaqqas ta' ġurisprudenza tal-QtĠ li nkiseb dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali hu primarjament ir-riżultat ta' referenzi preliminari mill-qrati nazzjonali skont l-Artikolu 267 tat-TFUE. Sehem sinifikanti jikkonċerna dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-leġiżlazzjoni sekondarja. Hemm ukoll każijiet li jixħtu dawl fuq l-importanza tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE — b'mod partikolari l-prinċipju ta' effikaċja ([28]).

30. Dan li ntqal hawn fuq jirrappreżenta l-qafas wiesa' għall-aċċess għall-ġustizzja fl-UE fi kwistjonijiet ambjentali fi ħdan l-Istati Membri. Filwaqt li l-qafas ġie stabbilit fil-livell tal-UE, hu fil-livell tal-Istati Membri — u b'mod partikolari, tal-qrati nazzjonali — li jikseb realtà u sinifikat prattiċi.

## C. **IL-GARANZIJA TAL-AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA AMBJENTALI**

### 1. INTERESSI PUBBLIĊI. OBBLIGI U DRITTIJIET RILEVANTI GĦALL-EŻERĊIZZJU TAL-PROTEZZJONI ĠUDIZZJARJA

#### 1.1. **Introduzzjoni**

*L-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali għandu l-iskop li jippermetti lill-individwi u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom mil-liġi ambjentali tal-UE. Jgħin ukoll sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-għanijiet u l-obbligi tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE.*

31. Skont id-dritt tal-UE, l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali jirrappreżenta sett ta' drittijiet ta' sostenn li jservi żewġ skopijiet. Jippermetti lill-individwi u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom mid-dritt tal-UE, u jgħin biex jiġi żgurat li jinkisbu l-għanijiet u l-obbligi tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE ([29]).

#### 1.2. **Interessi pubbliċi, obbligi u drittijiet**

*Il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE għandha l-għan li tiżgura l-interessi pubbliċi ġenerali bħall-arja nadifa, riżorsi tal-ilma sikuri u adegwati u bijodiversità f'saħħitha. L-involviment attiv tal-pubbliku hu interess ambjentali konkomitanti li jappoġġjahom.*

32. Fil-leġiżlazzjoni għall-preservazzjoni, għall-protezzjoni u għat-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-leġiżlatura tal-UE fil-parti l-kbira lleġiżlat favur l-interessi pubbliċi ġenerali bħall-arja nadifa, riżorsi tal-ilma sikuri u adegwati, bijodiversità f'saħħitha u l-evitar tal-iskart. Dawn huma interessi pubbliċi ġenerali għaliex il-benesseri soċjetali jiddependi fuqhom.

([26]) Ara l-Kawża C-240/09 *LZ I*, paragrafu 50. Din id-deċiżjoni kienet fil-kuntest tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

([27]) L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-Aċċess għat-Tagħrif Ambjentali, 2003/4/KE; L-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, 2004/35/KE; L-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE; L-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE; u l-Artikolu 23 tad-Direttiva Seveso III, 2012/18/UE. Ara wkoll il-premessa 27 tad-Direttiva dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet 2016/2284, li tagħmel referenza speċifika għall-ġurisprudenza tal-QtĠ dwar l-aċċess għall-ġustizzja.

([28]) Iktar ċarezza dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali tinkiseb ukoll minn azzjonijiet diretti meħuda mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 258 tat-TFUE sabiex tindirizza problemi ta' traspożizzjoni bid-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE. Ara, pereżempju, il-Kawża C-427/07 *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* u l-Kawża C-530/11 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*.

([29]) Il-Kawża C-71/14 *East Sussex*, paragrafu 52, u l-Kawża C-72/95 *Kraaijeveld*, paragrafu 56.

33. Il-miżuri implimentati mil-leġiżlatura tal-UE għall-iżgurar ta' dawn l-interessi pubbliċi ġenerali jinkludu dawn li ġejjin:

— objettivi u obbligi dwar il-kwalità ambjentali li l-Istati Membri jridu jirrispettaw ([30]);

— dmirijiet għall-Istati Membri li jissorveljaw il-qagħda tal-ambjent ([31]);

— rekwiżiti għall-awtoritajiet pubbliċi li jħejju pjanijiet u programmi sabiex inaqqsu t-tniġġis u l-iskart ([32]);

— rekwiżiti li ċerti attivitajiet jenħtieġ li jsiru biss wara li l-ewwel ikun inkiseb permess jew kunsens mingħand awtorità pubblika ([33]); u

— rekwiżiti li, qabel ma jingħataw kunsensi għal ċerti tipi ta' pjanijiet u ta' proġetti, jenħtieġ li jitħejjew valutazzjonijiet ambjentali ([34]).

Dawn il-miżuri jridu jiġu ssupplimentati fil-livell tal-Istati Membri b'leġiżlazzjoni nazzjonali ta' implimentazzjoni u b'atti reoglatorji ġenerali u b'deċiżjonijiet individwali u b'atti tal-awtoritajiet pubbliċi.

34. Permezz ta' sensiela ta' stadji mis-snin tmenin 'l hawn, l-UE implimentat ukoll miżuri għar-rikonoxximent ta' interess pubbliku awżiljarju ta' involviment attiv tal-pubbliku f'dawn il-miżuri ([35]). Il-QtĠ innutat ir-rabta bejn l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali u "*[r-]rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jippriserva, jipproteġi u jtejjeb il-kwalità tal-ambjent u li jagħti lill-pubbliku rwol attiv għal dan il-għan*". ([36])

## 1.3. **L-iżgurar ta' rwol attiv tal-pubbliku, is-salvagwardja tad-drittijiet u l-ħarsien tal-obbligi**

*Il-pubbliku u interessi oħra stabbiliti fil-liġi ambjentali tal-UE u l-obbligi relatati fuq l-awtoritajiet pubbliċi jġibu magħhom drittijiet proċedurali u sostantivi għall-individwi u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom. Dawn id-drittijiet iridu jkunu protetti mill-qrati nazzjonali.*

35. Il-QtĠ irrikonoxxiet li l-interessi pubbliċi msemmija hawn fuq u l-obbligi imposti fuq l-awtoritajiet pubbliċi jġibu magħhom drittijiet għall-individwi u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom, li jridu jiġu protetti mill-qrati nazzjonali. Dawn id-drittijiet huma proċedurali kif ukoll sostantivi fin-natura tagħhom. Jistgħu jkunu involuti diversi drittijiet proċedurali u sostantivi fl-istess ħin, bħal meta deċiżjoni, att jew omissjoni ta' awtorità pubblika jkunu jinvolvu kwistjonijiet ta' parteċipazzjoni tal-pubbliku kif ukoll l-issodisfar ta' obbligi sostantivi tal-protezzjoni ambjentali.

36. F'*LZ II*, il-QtĠ iddikjarat fil-kuntest tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE, li "*[madankollu], ikun inkompatibbli mal-effett vinkolanti li l-Artikolu 288 TFUE jattribbwixxi lil direttiva, li jiġi eskluż, fil-prinċipju, li l-obbligi li hija timponi jiġu invokati mill-persuni kkonċernati*". ([37])

([30]) Dawn jinkludu valuri ta' limitu għal sustanzi niġġiesa importanti bħad-diossidu tal-kubrit, il-materja partikolata u d-diossidu tan-nitroġenu skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja, 2008/50/KE; objettivi dwar kwalità tajba tal-ilma għal ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, 2000/60/KE; u status ta' konservazzjoni favorevoli għal firxa ta' speċijiet u ta' tipi ta' ħabitat naturali skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE.

([31]) L-eżempji jinkludu dmirijiet ta' monitoraġġ tal-ilmijiet għall-għawm skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-Ilma għall-Għawm, 2006/7/KE u jivvalutaw il-kwalità tal-arja skont l-Artikoli 5 sa 11 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja, 2008/50/KE.

([32]) L-eżempji jinkludu rekwiżiti biex iħejju pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, 2000/60/KE, pjanijiet tal-kwalità tal-arja skont l-Artikoli 23 u 24 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja, 2008/50/KE, u pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-iskart skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, 2008/98/KE.

([33]) L-eżempji jinkludu obbligi li wieħed ikollu permess tal-iskart skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, 2008/98/KE, ikollu permess skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE, u jikseb kunsens skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE.

([34]) L-eżempji jinkludu l-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika, 2001/42/KE u l-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE.

([35]) Id-Direttiva oriġinali dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 85/337/KEE, kienet teħtieġ li l-pubbliku jingħata l-opportunità li jesprimi opinjoni dwar informazzjoni ambjentali ppreżentata mill-iżviluppaturi tal-proġetti bl-għan li jissupplimentawha. Id-Direttiva oriġinali dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-Ambjent, 90/313/KEE, osservat fil-premessi tagħha li "*l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent fil-pussess tal-awtoritajiet pubbliċi għandu jtejjeb il-protezzjoni ambjentali*". Dawn id-dispożizzjonijiet komplew jissaħħu bl-adozzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u b'diversi siltiet ta' leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE.

([36]) Il-Kawża C-260/11 *Edwards u Pallikaropoulos*, paragrafu 32.

([37]) Il-Kawża C-243/15 *LZ II*, paragrafu 44.

37. Dan jenfasizza li l-ħsieb wara l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali jinkludi l-bżonn li jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-obbligi maħluqa mil-liġi ambjentali tal-UE. Madankollu, il-kundizzjonijiet għall-preżentazzjoni ta' kawża quddiem qorti nazzjonali jistgħu jvarjaw skont min jitqies li hu kkonċernat. F'dan il-kuntest, hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn NGOs ambjentali u individwi.

*L-NGOs ambjentali jaqdu rwol importanti fl-iżgurar tal-konformità mal-obbligi tal-liġi ambjentali tal-UE u jgawdu minn dritt ġenerali ta' protezzjoni tal-ambjent li l-qrati nazzjonali jridu jżommu.*

38. L-involviment tal-pubbliku ġie previst sabiex ikopri mhux biss ir-rwol tal-individwi iżda anki dak tal-assoċjazzjonijiet tagħhom ([38]). Tabilħaqq, il-ġurisprudenza tal-QtĠ tagħraf li l-assoċjazzjonijiet ambjentali — "*organizzazzjonijiet nongovernattivi ambjentali jew NGOs ambjentali*" — jaqdu rwol vitali fl-iżgurar tal-konformità mal-obbligi skont il-liġi ambjentali tal-UE.

39. F'*LZ I* (magħrufa wkoll bħala "*Slovak Brown Bears*"), il-QtĠ iddikjarat li "*hija l-qorti tar-rinviju li għandha tinterpreta, sa fejn ikun possibbli, id-dritt proċedurali li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex jiġi eżerċitat rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju kemm skont l-għanijiet tal-Artikolu 9(3) ta' din il-konvenzjoni kif ukoll skont l-għan ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni, sabiex tippermetti lil organizzazzjoni għall-ħarsien tal-ambjent, bħal-Lesoochranárske zoskupenieK, li tikkontesta quddiem qorti deċiżjoni adottata wara proċedura amministrattiva li tista' tkun kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni tal-ambjent.*" ([39])

40. Is-sentenza f'*LZ I* hi notevoli wkoll għax kienet tikkonċerna deċiżjoni minn awtorità pubblika li tawtorizza l-kaċċa ta' orsijiet kannella f'deroga mid-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ispeċijiet stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ispeċijiet ta' din id-direttiva m'għandhomx l-għan li jipproteġu lill-individwi iżda lill-ambjent, u dan hu fl-interess ġenerali tal-pubbliku. Għalhekk, il-QtĠ għarfet li l-NGO ambjentali rikorrenti kellha dritt li kien jistħoqqlu protezzjoni ġudizzjarja fil-każ speċifiku, bħal dak li jirrendi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE, infurzabbli.

41. Dan hu partikolarment importanti fil-qasam tal-protezzjoni tan-natura, għaliex f'dan il-qasam jista' jkun diffiċli li wieħed jargumenta li deċiżjonijiet u atti ta' omissjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi jistgħu jaffettwaw drittijiet speċifiċi tal-individwi, bħal dawk relatati mas-saħħa tal-bniedem.

42. Il-pożizzjoni tal-QtĠ f'*LZ I* hi konsistenti wkoll mas-seba', mat-tlettax u mat-tmintax-il premessa tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li għarfu r-rwol importanti li jaqdu l-NGOs ambjentali fil-ħarsien tal-ambjent. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tal-QtĠ f'*LZ I* mhix waħda iżolata. Hi konsistenti mad-deċiżjoni preċedenti f'*Janecek* li persuni ġuridiċi kif ukoll fiżiċi jistgħu jinvokaw il-liġi ambjentali tal-UE li għandha l-għan li tħares is-saħħa tal-bniedem ([40]).

43. Minbarra d-dritt tal-NGOs ambjentali li l-QtĠ irrikonoxxiet f'*LZ I* u f'*Janecek* ([41]), diversi atti leġiżlattivi tal-UE rrikonoxxew ir-rwol tal-NGOs ambjentali billi pprovdew għal *locus standi de lege* għalihom b'rabta ma' attivitajiet speċifiċi li jeħtieġu l-parteċipazzjoni pubblika kif ukoll sitwazzjonijiet ta' ħsara ambjentali. Dawn huma eżaminati f'iktar dettall fit-Taqsima C.2.

*Il-liġi ambjentali tal-UE tagħti drittijiet proċedurali u sostantivi lill-individwi. Dawn huma relatati b'mod partikolari mar-rekwiżiti għall-awtoritajiet pubbliċi li jsegwu kif xieraq proċedura maħsuba biex tinvolvi lill-pubbliku kif ukoll dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-saħħa tal-bniedem u l-proprjetà.*

([38]) Pereżempju, il-Konvenzjoni ta' Aarhus tiddefinixxi "l-pubbliku" bħala wieħed li jinkludi assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi.
([39]) Il-Kawża C-240/09 *LZ I*, paragrafu 51.
([40]) C-237/07 *Janecek*, paragrafu 39.
([41]) C-237/07 *Janecek*, paragrafu 39.

(a) *Id-drittijiet proċedurali*

44. Il-"*pubbliku*" skont l-Artikolu 2(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jinkludi anki individwi u dawn ukoll għandhom rwol rikonoxxut fil-preservazzjoni, fil-protezzjoni u fit-titjib tal-kwalità tal-ambjent. Madankollu, id-dritt li jibbażaw fuq obbligi imposti fuq l-awtoritajiet nazzjonali mil-liġi ambjentali tal-UE quddiem qorti nazzjonali jista' jkun ristrett mil-liġi nazzjonali għal ċirkustanzi li fihom ikun jista' jintwera interess suffiċjenti jew indeboliment tad-drittijiet ([42]). Għalhekk, l-aċċess għal qorti nazzjonali jista' jkun ristrett għall-infurzar ta' dawk id-dispożizzjonijiet li ma jimponux biss obbligi fuq l-awtoritajiet pubbliċi iżda jagħtu wkoll drittijiet lill-individwi.

45. Id-drittijiet proċedurali normalment ikunu relatati mal-parteċipazzjoni pubblika. Tipikament, dawn ikollhom x'jaqsmu mal-arranġamenti prattiċi li skont dawn awtorità pubblika tgħarraf lill-pubbliku dwar deċiżjoni proposta, tirċievi kwalunkwe sottomissjoni, li tieħu f'kunsiderazzjoni, u tħabbar b'mod pubbliku d-deċiżjoni tagħha. Il-parteċipazzjoni pubblika hi prevista fil-Konvenzjoni ta' Aarhus għal:

— deċiżjonijiet dwar attivitajiet speċifiċi ([43]);

— pjanijiet, programmi u politiki relatati mal-ambjent ([44]) u

— regolamenti eżekuttivi u/jew strumenti normattivi legalment vinkolanti ġeneralment applikabbli ([45]).

46. Id-dispożizzjonijiet espliċiti relatati mal-parteċipazzjoni pubblika jinsabu primarjament — iżda mhux esklużivament — fid-direttivi ambjentali tal-UE li ġejjin: id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE; id-Direttiva dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika, 2003/35/KE; u d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika, 2001/42/KE. Min-naħa l-oħra, f'*LZ II*, il-QtĠ stabbilixxiet b'mod ġenerali r-rekwiżiti obbligatorji ta' parteċipazzjoni pubblika tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u qrathom flimkien mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE.

47. Barra minn hekk, hekk kif il-QtĠ osservat fi *Kraaijeveld*, id-drittijiet proċedurali jservu għall-fini li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-liġi ambjentali tal-UE: "*B'mod partikolari, meta l-Awtoritajiet tal-Komunità jkunu, permezz ta' direttiva, imponew fuq l-Istati Membri l-obbligu li jimxu bi proċedura partikolari, l-effett utli ta' att bħal dan ikun imxekkel jekk l-individwi ma jitħallewx jibbażaw fuqu quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom*". ([46]) Il-proċedura partikolari li sar riferiment għaliha f'dak il-każ kienet it-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali, li kienet tinkludi konsultazzjoni pubblika. L-istess ħsieb hu minnu għal dispożizzjonijiet oħra tal-liġi ambjentali tal-UE li jeħtieġu konsultazzjoni pubblika, bħal dawk li jinsabu fid-Direttiva dwar il-Valutazzjoni ambjentali Strateġika, 2001/42/KE ([47]).

(b) *Id-drittijiet sostantivi*

48. Minbarra d-drittijiet proċedurali, il-QtĠ irrikonoxxiet ukoll li ċerta leġiżlazzjoni sekondarja ambjentali tal-UE tagħti drittijiet sostantivi lill-individwi u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom.

49. F'*Janecek* il-QtĠ iddikjarat li "*f'kull każ fejn in-nuqqas ta' osservazzjoni tal-miżuri meħtieġa mid-direttivi li jirrigwardaw il-kwalità tal-arja u dik tal-ilma tax-xorb, u li huma intiżi sabiex jipproteġu s-saħħa pubblika, jista' jipperikola s-saħħa tal-persuni, dawn tal-aħħar għandhom ikunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq ir-regoli imperattivi inklużi fid-direttivi.*" ([48])

50. Hemm żewġ raġunijiet għaliex id-dritt sostantiv rikonoxxut f'*Janecek* — jiġifieri li s-saħħa ta' individwu tiġi protetta permezz tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE — għandu rilevanza ġenerali.

([42]) Ara, pereżempju, l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.
([43]) L-Artikolu 6.
([44]) L-Artikolu 7.
([45]) L-Artikolu 8.
([46]) Il-Kawża C-72/95 *Kraaijeveld*, paragrafu 56.
([47]) Il-Kawża C-41/11 *Inter-Environnement Wallonie*, paragrafu 42.
([48]) Il-Kawża C-237/07 *Janecek*, paragrafu 38. *Janecek* kienet ippreċeduta minn numru ta' sentenzi li fihom il-QtĠ saħqet fuq il-bżonn ta' traspożizzjoni korretta tad-direttivi dwar l-arja u l-ilma tax-xorb sabiex jiġi żgurat li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jiżguraw is-saħħa sħiha tad-drittijiet tagħhom, ara l-Kawżi C- 361/88 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*, paragrafu 24, u C-59/89, *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*, paragrafu 13.

51. L-ewwel nett, il-QtĠ stess fil-kawża sussegwenti, *Stichting Natuur en Milieu* ([49]), applikat l-istess raġunar għal-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja li topera f'livell usa' mil-livell lokali rilevanti f'*Janecek*. Dan jindika li l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala waħda limitata għal theddidiet immedjati u lokali ([50]).

52. It-tieni, il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE spiss tinkludi l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fost l-objettivi tagħha, f'konformità mal-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ([51]). Is-saħħa tal-bniedem tissemma b'mod speċifiku f'uħud mill-iktar siltiet importanti tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, bħad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, 2008/98/KE ([52]), id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma 2000/60/KE ([53]) u d-Direttiva dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet (UE) 2016/2284 ([54]). Għaldaqstant, ir-raġunar f'*Janecek* jista' jkun rilevanti ferm lil hinn mil-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja u l-ilma tax-xorb.

53. Ksur possibbli tad-drittijiet dwar il-proprjetà, u d-dannu pekunarju relatat, li jirriżulta minn deċiżjoni, minn att jew minn omissjoni ta' awtorità pubblika li jiksru l-liġi ambjentali, jista' jintitola lil individwu sabiex jinvoka l-liġi ambjentali quddiem qorti wkoll.

54. F'*Leth*, il-QtĠ iddikjarat li "*l-prevenzjoni tad-danni patrimonjali, sa fejn dawn ikunu konsegwenzi ekonomiċi diretti tal-effetti fuq l-ambjent ta' proġett pubbliku jew privat, hija koperta mill-iskop ta' protezzjoni mfittex mid-Direttiva 85/337 [issa d-Direttiva 2011/92/UE]*". ([55]) Ir-raġunar ta' *Leth* japplika wkoll għal siltiet oħra tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE bħad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika, 2001/42/KE.

55. Il-liġi ambjentali tal-UE ma tistabbilixxix dritt ġenerali għal ambjent f'saħħtu u intatt għal kull individwu. Madankollu, persuna fiżika jew ġuridika tista' tkun kisbet id-dritt li tuża l-ambjent għal attività ekonomika jew mingħajr skop ta' qligħ speċifika. Eżempju jista' jkun dritt allokat u miksub tas-sajd f'ilmijiet speċifiċi ([56]). Dan jista' jwassal għal bżonn li jiġu kkontestati kwalunkwe deċiżjoni, att jew omissjoni li jħallu impatt fuq dak id-dritt allokat b'mod speċifiku ta' użu tal-ambjent.

56. Dan hu partikolarment rilevanti għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma u n-natura. F'dan ir-rigward, l-istrument globali għall-ilma, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, 2000/60/KE, jiddefinixxi t-"*tniġġiż*" f'termini tal-introduzzjoni ta' sustanzi jew ta' sħana li "*titfixkel jew titħawwad ma' amenitajiet u użi leġittimi oħra tal-ambjent*". Kemm id-Direttiva dwar l-Għasafar Selvaġġi, 2009/147/KE, kif ukoll id-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE, jirreferu għal firxa wiesgħa ta' użi possibbli tan-natura, inklużi skopijiet rikreazzjonali (bħall-kaċċa), ir-riċerka u l-edukazzjoni. Għal dawn l-użi differenti, hu raġonevoli li wieħed jassumi li, apparti interessi, jistgħu jqumu wkoll kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet.

57. F'dan l-isfond, it-taqsimiet li jifdal ta' din in-Notifika jeżaminaw l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali minn diversi perspettivi differenti:

— il-bażi preċiża u l-kundizzjonijiet li fuqhom individwu u NGOs ambjentali jistgħu jistennew li jiksbu *locus standi*;

— il-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami, jiġifieri r-raġunijiet tar-rieżami u l-intensità tal-iskrutinju li jenħtieġ li japplikaw għad-deċiżjonijiet, għall-atti u għall-omissjonijiet ikkontestati;

— ir-rimedji effettivi għall-indirizzar ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet li jinstab li huma legalment żbaljati;

— l-ispejjeż tal-litigazzjoni u l-fatturi li jridu jiġu kkunsidrati sabiex jiġi evitat milli dawn ikunu projbittivi; u

— it-tempestività tal-proċeduri u l-bżonn li l-pubbliku jiġu pprovdut b'informazzjoni prattika.

---

([49]) Il-Kawżi Magħquda C-165 sa C-167/09 *Stichting Natuur en Milieu*, paragrafu 94.
([50]) *Janecek* kienet tikkonċerna miżuri lokali dwar il-kwalità tal-arja għall-belt ta' Munich, filwaqt li.*Stichting Natuur en Milieu* kienet tikkonċerna l-limitu nazzjonali ta' emissjonijiet għan-Netherlands.
([51]) Skont din, "[għandu] jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-linji ta' politika u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni".
([52]) Ara l-Artikolu 13.
([53]) Ara d-definizzjoni ta' "*tniġġis*" fl-Artikolu 2(33).
([54]) Ara l-Artikolu 1.
([55]) Il-Kawża C-420/11 *Leth*, paragrafu 36.
([56]) Ara l-Kawża pendenti C-529/15 *Folk*.

2. LOCUS STANDI

## 2.1. **Introduzzjoni**

*Il-locus standi hu l-intitolament li bih wieħed jista' jieħu passi legali quddiem qorti jew quddiem korp indipendenti u imparzjali ieħor sabiex jipproteġi dritt jew interess tiegħu bħala rikorrent rigward il-legalità ta' deċiżjoni, ta' att jew ta' omissjoni ta' awtorità pubblika. Il-locus standi jista' jvarja skont is-suġġett tad-deċiżjoni, tal-att jew tal-omissjoni kkontestati. Jista' jvarja wkoll skont jekk ir-rikorrent huwiex individwu jew NGO ambjentali rikonoxxuta.*

58. Il-*locus standi* hu l-intitolament li wieħed jieħu passi legali quddiem qorti jew quddiem korp indipendenti u imparzjali ieħor biex jipproteġi dritt jew interess tiegħu bħala rikorrent. L-intitolament għall-kontestazzjoni hu fir-rigward ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, li jistgħu jiksru tali dritt jew interess. Deċiżjonijiet, atti u omissjonijiet jirrappreżentaw il-modi li bihom l-awtoritajiet pubbliċi jissodisfaw — jew jieħdu pożizzjoni fuq — dmirijiet imposti fuqhom mil-liġi ambjentali tal-UE, pereżempju li jiżguraw li l-faċilitajiet tal-iskart u l-installazzjonijiet industrijali joperaw b'permess ([57]). Apparti li hu mezz kif tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u tal-interessi, il-*locus standi* jirrappreżenta mezz kif tiġi żgurata responsabbiltà fir-rigward ta' deċiżjonijiet, ta' atti jew ta' omissjonijiet bħal dawn.

59. Hemm ftit direttivi ambjentali tal-UE li fihom dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja li jeħtieġu b'mod espliċitu li l-Istati Membri jipprovdu *locus standi* ([58]). Madankollu, dispożizzjonijiet espliċiti dwar l-aċċess għall-ġustizzja, inkluż il-*locus standi*, huma niqsin f'ħafna mil-leġiżlazzjoni ambjentali sekondarja tal-UE. Minkejja dan, għad li hemm nuqqas ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi espliċiti, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-*locus standi* jridu jiġu interpretati fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-QtĠ.

60. Il-bażi għal-*locus standi* tvarja skont is-suġġett tad-deċiżjoni, tal-att jew tal-omissjoni fil-mira tal-kontestazzjoni. It-taqsimiet li ġejjin jagħmlu distinzjoni bejn deċiżjonijiet, atti u omissjonijiet li jikkonċernaw:

— Talbiet għal informazzjoni ambjentali u intitolament għar-riċevuta ta' informazzjoni (Taqsima C.2.2)

— Attivitajiet speċifiċi li huma soġġetti għal rekwiżiti tal-parteċipazzjoni pubblika (Taqsima C.2.3)

— Talbiet għal azzjoni skont ir-regoli dwar ir-responsabbiltà għall-ħsara ambjentali (Taqsima C.2.4);

— Suġġetti oħra, bħal leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali, atti regolatorji ġenerali, pjanijiet u programmi u derogi (Taqsima C.2.5).

61. Għall-ewwel tliet kategoriji, drittijiet espliċiti dwar il-*locus standi* jistgħu jinsabu fil-parti l-kbira fil-leġiżlazzjoni ambjentali sekondarja tal-UE ([59]). Għall-aħħar kategorija, il-*locus standi* jiddependi mill-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-locus standi kif interpretat mill-QtĠ.

62. Il-firxa tal-*locus standi* tvarja wkoll skont jekk il-persuna li qed tfittex li tikkontesta hijiex individwu, NGO ambjentali jew entità oħra. Dan l-aspett hu kkunsidrat fit-taqsimiet differenti t'hawn taħt.

## 2.2. **Talbiet għal informazzjoni ambjentali u intitolament għar-riċevuta ta' informazzjoni**

*Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tippreżenta talba għal informazzjoni tgawdi minn locus standi biex tikkontesta deċiżjoni, att jew omissjoni tal-awtorità pubblika responsabbli għall-indirizzar ta' dik it-talba. Id-drittijiet ta' riċevuta tal-informazzjoni permezz ta' tixrid attiv jistgħu jintitolaw lill-individwi u lill-assoċjazzjonijiet ukoll biex jippreżentaw kontestazzjonijiet legali.*

---

([57]) Dmirijiet bħal dawn jinsabu fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, 2008/98/KE, u d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE.
([58]) L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-Aċċess għat-Tagħrif Ambjentali, 2003/4/KE; L-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, 2004/35/KE; L-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE; L-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE; u l-Artikolu 23 tad-Direttiva Seveso III, 2012/18/UE. Ara wkoll il-premessa 27 tad-Direttiva dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet 2016/2284, li tagħmel referenza speċifika għall-ġurisprudenza tal-QtĠ dwar l-aċċess għall-ġustizzja.
([59]) Ara wkoll il-Kawża C-243/15, *LZ II*. Il-QtĠ tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-*locus standi* għal każijiet li jmorru lil hinn mil-liġi sekondarja tal-UE fuq il-bażi tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali flimkien mal-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għal deċiżjonijiet, għal atti u għal omissjoni li għalihom tapplika d-dispożizzjoni dwar il-parteċipazzjoni pubblika tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

63. Il-liġi ambjentali tal-UE tagħti drittijiet lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi sabiex jitolbu informazzjoni ambjentali ([60]). Id-Direttiva dwar l-Aċċess għat-Tagħrif Ambjentali, 2003/4/KE, tipprovdi b'mod espliċitu fl-Artikolu 6 tagħha għal proċedura ta' rieżami ġudizzjarju għall-eżaminar ta' atti jew ta' omissjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi relatati ma' talbiet għal informazzjoni ambjentali li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva. Id-dritt ta' rieżami hu bbażat fuq ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u hu maħsub għall-protezzjoni tad-dritt li wieħed jagħmel talba għal informazzjoni ([61]). Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tippreżenta talba għal informazzjoni tgawdi minn *locus standi* ([62]).

64. Il-liġi ambjentali tal-UE tagħti drittijiet lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi sabiex mhux biss jitolbu iżda anki jirċievu informazzjoni ambjentali ([63]). Mid-deċiżjoni tal-QtĠ f'*East Sussex* jidher ċar li d-drittijiet tal-applikanti għal informazzjoni ambjentali jinkludu d-dritt li dawn jinqdew minn awtorità pubblika kompetenti li tissodisfa kif xieraq il-kundizzjonijiet relatati mal-provvista tal-informazzjoni ([64]). Dak il-każ kien jikkonċerna d-drittijiet ta' riċevuta tal-informazzjoni fuq talba iżda l-pubbliku hu intitolat li jirċievi wkoll informazzjoni permezz ta' tixrid attiv mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti ([65]). L-issodisfar mill-awtoritajiet pubbliċi tal-obbligi tagħhom sabiex ixerrdu b'mod attiv informazzjoni ambjentali jista', fost l-oħrajn, ikun importanti għas-salvagwardja tad-dritt li wieħed jiżgura li tkun protetta saħħtu ([66]).

## 2.3. **Attivitajiet speċifiċi li huma soġġetti għal rekwiżiti tal-parteċipazzjoni pubblika**

*Ir-rekwiżiti dwar il-parteċipazzjoni pubblika li japplikaw għal attivitajiet speċifiċi jagħtu drittijiet lil dawk li huma kkonċernati u jintitolawhom biex jitolbu rieżami ġudizzjarju tad-deċiżjoni, tal-att jew tal-omissjoni inkwistjoni.*

65. Il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE fiha numru sinifikanti ta' obbligi li jeħtieġu li l-awtoritajiet pubbliċi jieħdu deċiżjonijiet dwar attivitajiet speċifiċi li jista' jkollhom effetti fuq l-ambjent. Pereżempju, awtostrada proposta teħtieġ deċiżjoni ta' awtorità pubblika li tagħti l-kunsens għaliha qabel ma jibda l-bini. B'mod simili, attività industrijali proposta tista' teħtieġ it-teħid ta' deċiżjoni minn awtorità pubblika dwar kwota ta' emissjoni industrijali qabel ma tkun tista' tibda topera. Barra minn hekk, ħafna mil-leġiżlazzjoni ambjentali sekondarja tal-UE teħtieġ konsultazzjoni pubblika matul il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. ([67]) Konsultazzjoni obbligatorja tagħti drittijiet ta' parteċipazzjoni lil dawk il-membri tal-pubbliku li huma intitolati jieħdu sehem.

66. Il-*locus standi* għall-kontestazzjoni ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet li jikkonċernaw attivitajiet speċifiċi li huma soġġetti għal rekwiżiti tal-parteċipazzjoni pubblika hu bbażat fuq dispożizzjonijiet dwar il-*locus standi* li jinsabu fl-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata tal-UE ([68]) kif ukoll fuq il-ġurisprudenza tal-QtĠ. B'mod partikolari, il-QtĠ ikkonfermat fi *Kraaijeveld* ([69]) li deċiżjoni, att jew omissjoni ta' awtorità pubblika li jxekklu d-drittijiet ta' parteċipazzjoni jirriżultaw f'intitolament għal tfittxija ta' rieżami ġudizzjarju.

67. Mindu nqatgħet is-sentenza *Kraaijeveld*, fil-Konvenzjoni ta' Aarhus ġie inkorporat dritt espliċitu ta' *locus standi* bbażat fuq id-dritt ta' parteċipazzjoni. B'mod partikolari, l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jeħtieġ proċedura ta' rieżami quddiem qorti u/jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi ([70]) biex tiġi kkontestata l-legalità sostantiva u proċedurali ta' kwalunkwe deċiżjoni, att jew omissjoni, soġġetta għad-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni pubblika tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

---

([60]) Dawn jinsabu fid-Direttiva dwar l-Aċċess għat-Tagħrif Ambjentali, 2003/4/KE.
([61]) Id-dritt li wieħed jagħmel talba għal informazzjoni hu stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.
([62]) Ara l-Gwida dwar l-Implimentazzjoni ta' Aarhus, paġna 191.
([63]) Dawn jinsabu fid-Direttiva dwar l-Aċċess għat-Tagħrif Ambjentali, 2003/4/KE, kif ukoll f'diversi siltiet tal-informazzjoni ambjentali settorjali.
([64]) Il-Kawża C-71/14 *East Sussex*, paragrafu 56.
([65]) Ara pereżempju l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-Aċċess għat-Tagħrif Ambjentali, 2003/4/KE u l-Artikolu 11 tad-Direttiva INSPIRE, 2007/2/KE.
([66]) Eżempji notevoli jinkludu l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva dwar l-Ilma għall-Għawm, 2006/7/KE, li jeħtieġ li l-pubbliku jiġi informat kull meta l-għawm ikun ipprojbit jew mhux rakkomandat; u l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, 98/83/KEE, li jeħtieġ li l-konsumaturi jiġu informati minnufih dwar kontaminazzjoni ta' ilma tax-xorb li jkun ta' periklu għall-ħajja.
([67]) Eżempji notevoli huma l-Artikolu 24 tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE, l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u l-Artikolu 15 tad-Direttiva Sevezo III, 2012/18/UE. Hemm rekwiżit iktar vag ta' konsultazzjoni pubblika fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE, li, madankollu, irid jinqara flimkien mal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, ara l-Kawża C-243/15 *LZ II*, paragrafu 45.
([68]) L-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE; L-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE; u l-Artikolu 23 tad-Direttiva Seveso III, 2012/18/UE.
([69]) Il-Kawża C-72/95 *Kraaijeveld*, paragrafu 56.
([70]) F'din in-Notifika, jenħtieġ li referenzi għall-qrati nazzjonali jiġu kkunsidrati bħala applikabbli, *mutatis mutandis*, għal korpi indipendenti u imparzjali oħra stabbiliti bil-liġi wkoll.

68. Siltiet relatati ta' leġiżlazzjoni ambjentali sekondarja tal-UE ([71]) fihom dispożizzjonijiet ibbażati fuq it-test tal-Artikolu 9(2). Madankollu, din il-leġiżlazzjoni sekondarja ma tkoprix il-proċessi kollha tat-teħid ta' deċiżjoni koperti mill-Artikolu 6 — u b'estensjoni l-Artikolu 9(2) — tal-Konvenzjoni. Peress li l-Artikolu 9(2) jirreferi għal sitwazzjonijiet li fihom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni pubblika tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Istati Membri huma obbligati jimplimentaw reġim ta' rieżami ġudizzjarju kull meta l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprevedi obbligu dwar il-parteċipazzjoni pubblika.

69. F'*LZ II* ([72]) il-QtĠ iddikjarat li r-rekwiżiti dwar il-parteċipazzjoni pubblika tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus japplikaw ukoll fil-kuntest tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats 92/43/KEE, f'sitwazzjonijiet li fihom awtorità pubblika hi obbligata mil-liġi nazzjonali li tiddetermina jekk twettaqx valutazzjoni xierqa fuq proġett li jista' jkollu effett sinifikanti fuq l-integrità ta' sit protett ta' Natura 2000. Barra minn hekk, iddikjarat li, minħabba li r-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni japplikaw għal sitwazzjonijiet bħal dawn, dawk tal-Artikolu 9(2) japplikaw għal dawn is-sitwazzjonijiet ukoll.

70. B'din is-sentenza, il-QtĠ iċċarat li r-rekwiżiti tal-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jistgħu japplikaw ukoll għal dawk l-oqsma tal-liġi ambjentali li ma fihom ebda rekwiżit speċifiku dwar l-aċċess għall-ġustizzja. Tabilħaqq, filwaqt li *LZ II* kienet tikkonċerna d-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE, ir-raġunar wara l-interpretazzjoni tal-QtĠ jista' jiġi applikat b'analoġija għal proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet f'setturi oħra tal-liġi ambjentali tal-UE bħall-ilma u l-iskart.

71. Hu l-"*pubbliku kkonċernat*" li jibbenefika mid-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni pubblika tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u, b'estensjoni, mid-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja tal-Artikolu 9(2) u l-leġiżlazzjoni sekondarja korrispondenti tal-UE. Dan hu ddefinit bħala "*[l-]pubbliku affettwat jew x'aktarx li jiġi affettwat bil-proċeduri dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-ambjent […] jew li għandu interess fihom*" ([73]). "*Il-pubbliku*" hu ddefinit bħala "*tfisser persuna jew iktar naturali jew legali, u, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prassi nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom*" ([74]).

72. Madankollu, la l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u lanqas id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE ma jagħtu aċċess mhux kondizzjonat għall-ġustizzja lill-membri tal-pubbliku. Il-Konvenzjoni u l-leġiżlazzjoni jippermettu lill-partijiet kontraenti u lill-Istati Membri jimponu ċerti kundizzjonijiet u, b'hekk, li jevitaw *locus standi* ġenerali għal kulħadd (*actio popularis*) fi kwistjonijiet ambjentali ([75]). Barra minn hekk, kemm il-Konvenzjoni ta' Aarhus kif ukoll il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE dderivata minnha jipprovdu għal differenzazzjoni fid-drittijiet ta' *locus standi*. Id-differenzazzjoni hi bejn, minn naħa, individwi, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u gruppi u, min-naħa l-oħra, NGOs ambjentali rikonoxxuti.

### 2.3.1. ***Individwi***

*Għall-individwi, il-prekundizzjoni ta' ħtieġa ta' wiri tal-"indeboliment ta' dritt" jew ta' interess suffiċjenti biex jinkiseb locus standi biex tiġi kkontestata attività speċifika trid tiġi interpretata u applikata fid-dawl tal-obbligu li jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali. Id-drittijiet li jistgħu jkunu indeboliti jinkludu drittijiet proċedurali tal-individwu li jirriżultaw mil-liġi ambjentali tal-UE (eż. id-drittijiet ta' parteċipazzjoni pubblika) kif ukoll id-drittijiet sostantivi mogħtijin lill-individwu (eż. protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, drittijiet tal-proprjetà).*

73. Skont l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus kif ukoll l-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u l-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE, il-partijiet kontraenti u l-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu l-aċċess għall-qrati għal dawk l-individwi li juru interess suffiċjenti jew, inkella, l-indeboliment ta' dritt. Il-kunċett ta' "*indeboliment ta' dritt*" hu spjegat f'iktar dettall fit-taqsima C.2.5.3.

([71]) Ara l-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE; L-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE; u l-Artikolu 23 tad-Direttiva Seveso III, 2012/18/UE.

([72]) Il-Kawża C-243/15 *LZ II*.

([73]) Ara l-Artikolu 2(5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-Artikolu 1(2)(d) u (e) tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE.

([74]) Ara l-Artikolu 2(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

([75]) Ara wkoll il-Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, p. 199

### 2.3.2. ***NGOs ambjentali b'locus standi de lege***

#### 2.3.2.1. *Prinċipju Ġenerali*

*NGOs ambjentali rikonoxxuti jgawdu minn locus standi* de lege *biex jikkontestaw deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet minn awtoritajiet pubbliċi fuq attivitajiet speċifiċi li huma soġġetti għal rekwiżiti tal-parteċipazzjoni pubblika skont id-dritt tal-UE.*

74. L-Artikoli 2(5) u 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-leġiżlazzjoni relatata tal-UE li tagħtiha effett jagħrfu r-rwol importanti ta' atturi bħall-NGOs ambjentali billi jagħtuhom forma ta' *locus standi de lege* bis-suppożizzjoni li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fil-liġi nazzjonali. Għal dawn l-NGOs, il-prekundizzjonijiet għal-*locus standi* bbażat fuq interess suffiċjenti jew indeboliment ta' dritt huma meqjusa ssodisfati ([76]). Dan il-*locus standi de lege* għandu implikazzjonijiet mhux biss għall-ammissibilità ta' pretensjoni iżda anki għall-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami eżerċitat mill-imħallef nazzjonali (ara t-Taqsima C.3.2.2.2).

75. Il-QtĠ iċċarat kemm mir-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali l-NGOs jistgħu jkunu mistennija jissodisfaw sabiex jiksbu dan il-*locus standi*. Iddikjarat li, għad li hu f'idejn l-Istati Membri li jagħmlu regoli li jiddefinixxu tali rekwiżiti, dawn ma jistgħux jiġu stabbiliti b'mod li jagħmilha impossibbli għall-NGOs li jeżerċitaw dritt li jieħdu passi bil-qorti biex jipproteġu l-interess ġenerali. Ir-regoli nazzjonali "*għandhom […] jiżguraw aċċess [wiesa'] […] quddiem qorti tal-ġustizzja*" ([77]).

76. Il-QtĠ iddikjarat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tikser l-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, meta ma tippermettix lill-NGOs skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) ta' dik id-direttiva jibbażaw, quddiem il-qrati, f'kawża ta' kontestazzjoni ta' deċiżjoni li tawtorizza proġetti "*li aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent*" għall-finijiet tal-Artikolu 1(1) ta' dik id-direttiva, fuq il-ksur ta' regola dderivata mil-liġi ambjentali tal-UE u maħsuba biex tħares l-ambjent, fuq il-bażi li dik ir-regola tipproteġi biss l-interessi tal-pubbliku ġenerali, u mhux l-interessi ta' individwi. ([78])

77. Dan ir-raġunar japplika fil-każijiet kollha li jinvolvu *locus standi de lege*, jiġifieri dawk fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

#### 2.3.2.2. *Kriterji speċifiċi għal-* locus standi de lege

*Il-kriterji li l-NGOs ambjentali jridu jissodisfaw biex jikkwalifikaw għal-*locus standi de lege *ma jistgħux ikunu diffiċli wisq biex jiġu ssodisfati u jenħtieġ li jqisu l-interessi ta' NGOs żgħar u lokali.*

78. Ir-regoli nazzjonali jistgħu jiddefinixxu r-rekwiżiti li l-NGOs iridu jissodisfaw sabiex jikkwalifikaw għal-*locus standi de lege*. Il-ġurisprudenza tal-QtĠ tixħet dawl fuq kemm jistgħu jkunu strinġenti dawn ir-regoli.

(a) *Attivi fil-qasam ambjentali*

79. Involviment fil-qasam tal-ambjent jgħin sabiex jiġi żgurat li NGO għandha kompetenzi u għarfien utli. Fi *Djurgården*, il-QtĠ tikkonferma li "*liġi nazzjonali tista' teżiġi li t-tali assoċjazzjoni, li jkollha l-intenzjoni li tikkontesta b'mod ġudizzjarju proġett li jaqa' taħt id-Direttiva 85/337* [issa d-Direttiva 2011/92/UE], *ikollha għan soċjali marbut mal-protezzjoni tan-natura u tal-ambjent*" ([79]) Minn din il-formulazzjoni ma jistax jiġi inferit li l-QtĠ approvat rekwiżit li l-NGO jrid ikollha għan esklużiv ta' protezzjoni tal-ambjent. Madankollu, jidher permissibbli li Stat Membru jitlob li l-protezzjoni tal-ambjent tikkostitwixxi objettiv dominanti jew sostanzjali ta' NGO.

([76]) Ara l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.
([77]) Il-Kawża C-263/08 *Djurgården*, paragrafu 45.
([78]) Il-Kawża C-115/09 *Bund für Umwelt und Naturschutz*, paragrafu 59.
([79]) Il-Kawża C-263/08 *Djurgården*, paragrafu 46.

(b) *Rekwiżit għas-sħubija*

80. In-numru ta' membri li jkollha NGO jista' jkun indikatur importanti li hi attiva. Fi *Djurgården*, il-QtĠ ħarset lejn rekwiżit tal-liġi nazzjonali li NGO kellu jkollha ċertu numru ta' membri. Il-QtĠ iddikjarat li n-numru ta' membri meħtieġa ma jistax jiġi stabbilit f'livell tali li jmur kontra l-objettiv ta' ffaċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja. ([80]) Saħqet ukoll fuq l-importanza ta' ffaċilitar ta' NGOs ibbażati lokalment, peress li dawn jistgħu jkunu l-iktar probabbli li jikkontestaw proġetti fuq skala iżgħar li ma jkollhomx importanza nazzjonali jew reġjonali iżda li xorta jkollhom effett sinifikanti fuq l-ambjent ([81]). Ta' min jgħid li mhux l-NGOs kollha li jibbenefikaw minn *locus standi de lege* fl-Istati Membri huma bbażati fuq is-sħubijiet. Uħud minnhom huma fundazzjonijiet tal-karità. Tabilħaqq, pretensjonijiet minn fundazzjonijiet bħal dawn wasslu għal ġurisprudenza importanti tal-QtĠ.

(c) *Kriterji oħra*

81. Fil-prattika, xi Stati Membri jeħtieġu li NGO tissodisfa kriterji oħra biex tikseb *locus standi de lege*. Dawn jistgħu jkunu relatati mal-indipendenza jew mal-karattru mingħajr skop ta' qligħ tal-NGO jew mal-personalità ġuridika distinta li din ikollha skont il-liġi nazzjonali. Jew jistgħu jinvolvu l-forniment ta' prova mill-NGO li din ikollha bażi finanzjarja solida sabiex twettaq objettiv ta' promozzjoni tal-ħarsien tal-ambjent. Jew jistgħu jikkonsistu f'durata minima ta' eżistenza qabel ma jingħata l-*locus standi de lege*. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jittieħed kont tar-raġunament tal-QtĠ fi *Djurgården* dwar ir-rekwiżiti ta' sħubija, imfakkra fil-paragrafu preċedenti. ([82])

### 2.3.3. ***Nondiskriminazzjoni kontra NGOs barranin***

*Il-kundizzjonijiet li jridu jissodisfaw l-NGOs ambjentali biex jiksbu* locus standi de lege *ma jistgħux ikunu inqas favorevoli għal NGOs barranin meta mqabbla ma' dawk domestiċi.*

82. L-NGOs ambjentali ta' Stati Membri ġirien jistgħu jkunu jixtiequ jieħdu sehem fi proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet għal attività speċifika jew ikunu attivi b'xi mod ieħor b'rabta ma' din. Dan hu partikolarment minnu meta attività speċifika jista' jkollha impatti ambjentali transkonfinali. L-Artikolu 3(9) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jistipula li "*[l-] pubbliku għandu jkollu aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' ċittadinanza, ta' nazzjonalità jew ta' domiċilju u, fil-każ ta' persuna ġuridika, mingħajr diskriminazzjoni dwar fejn hija reġistrata jew fejn ikun iċ-ċentru effettiv tal-attivitajiet tagħha*". B'hekk, meta NGO barranija tfittex *locus standi*, ma tistax tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minn NGOs domestiċi b'rabta mal-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati għal-*locus standi de lege*.

83. L-Artikolu 3(9) jipprojbixxi d-diskriminazzjoni biss, u b'hekk Stat Membru jista' jeħtieġ li NGOs barranin jissodisfaw l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għal dawk domestiċi. Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet, b'mod partikolari l-proċedura sabiex jinkiseb l-istatus ta' NGO b'*locus standi de lege*, ma jistgħux jipprevjenu jew jagħmluha diffiċli b'mod eċċessiv għal NGO barranija sabiex tikseb dak l-istatus ([83]).

### 2.3.4. ***Assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u gruppi oħra***

*Filwaqt li dawn ma jgawdux minn locus standi de lege, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u gruppi oħra jistgħu, soġġetti għal-liġi nazzjonali, igawdu minn locus standi fuq l-istess bażi bħall-individwi.*

84. Kif diġà ntqal iktar 'il fuq, "*il-pubbliku*" skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus jista' jinkludi "*persuna jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, u, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prassi nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi ta' dawn*". B'hekk, anki jekk ma jkunux intitolati għal *locus standi de lege*, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u gruppi jistgħu jkunu intitolati għal *locus standi* fuq l-istess bażi bħall-individwi. Dan jista' jiffaċilita l-ġbir flimkien ta' pretensjonijiet li, kieku, ikollhom jitfittxu b'mod separat minn rikorrenti individwali, u b'hekk jinkisbu vantaġġi kemm għall-pubbliku kkonċernat (permezz tal-qsim tal-piż tal-litigazzjoni) kif ukoll għall-awtorità pubblika (billi jitnaqqas ir-riskju li din ikollha tittratta diversi kontestazzjonijiet legali separati).

([80]) Il-Kawża C-263/08 *Djurgården*, paragrafu 47.
([81]) Fil-kuntest ta' dan il-każ partikolari, il-QtĠ qieset li rekwiżit ta' sħubija ta' 2 000 membru ma kienx konformi mal-objettivi tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE.
([82]) Il-Kawża C-263/08 *Djurgården* paragrafu 47.
([83]) Ara wkoll il-punt 18 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rimedju Kollettiv, 2013/396/UE, fejn jiġi rakkomandat mekkaniżmu differenti tal-għotja ta' *locus standi* lil NGOs minn Stat Membru ieħor. Dan il-mekkaniżmu huwa bbażat fuq ir-rikonoxximent ta' *locus standi* mogħti fl-Istat Membru li fih għandha s-sede tagħha l-NGO. Dan ikun ikar favorevoli mill-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, b'mod partikolari għall-NGOS minn Stati Membri fejn il-kundizzjonijiet biex jingħata *locus standi* huma inqas stretti minn oħrajn. Għalhekk, fil-każijiet li jaqgħu kemm fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u kemm fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, l-applikazzjoni addizzjonali tal-mekkaniżmu tar-rikonoxximent reċiproku tar-Rakkomandazzjoni tkompli tiffaċilita l-attivitajiet tal-NGOs.

### 2.3.5. *Parteċipazzjoni minn qabel*

> *L-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu l-locus standi għall-kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' awtorità pubblika għal dawk il-membri tal-pubbliku kkonċernat li ħadu sehem fil-proċedura amministrattiva preċedenti għall-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni.*

85. Nuqqas ta' parteċipazzjoni fil-proċedura amministrattiva għall-adozzjoni ta' deċiżjoni jista' jkun problema għall-ammissibilità ta' kontestazzjoni legali eventwali għal dik id-deċiżjoni ([84]). Il-ġurisprudenza tal-QtĠ tisħaq ir-rwol tal-qrati nazzjonali fil-protezzjoni tad-drittijiet sostantivi mogħtija lil individwi u lil assoċjazzjonijiet skont id-dritt tal-UE u, fl-istess ħin, li l-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji jservu skopijiet differenti. Pereżempju, id-deċiżjoni ta' awtorità pubblika tista' twassal għal ksur potenzjali tad-dritt ta' rikorrent li jkollu saħħtu protetta indipendentement minn kwalunkwe dritt proċedurali tar-rikorrent.

86. F'dan ir-rigward, fi *Djurgarden*, il-QtĠ iddikjarat li, fil-kuntest ta' deċiżjoni rilevanti għad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, "*[proċedura] deċiżjonali fil-qasam tal-ambjent […] hija separata u għandha għan differenti minn rikors ġudizzjarju, fejn dan tal-aħħar jista', jekk ikun il-każ, jiġi ppreżentat kontra deċiżjoni meħuda fi tmiem dan il-proċess*" ([85]). Għalhekk, "*[il-]membri tal-pubbliku kkonċernat […]għandhom ikollhom il-possibbiltà li jippreżentaw rikors kontra d-deċiżjoni li permezz tagħha, tribunal, li jappartjeni għall-organizzazzjoni ġudizzjarja ta' Stat Membru, ikun iddeċieda dwar talba għal awtorizzazzjoni ta' proġett, ikun liema jkun ir-rwol li seta' kellhom fl-eżami ta' din it-talba billi jkunu ħadu sehem fil-proċedura quddiem dan it-tribunal u billi jkunu sostnew il-pożizzjoni tagħhom f'din l-okkażjoni*"

## 2.4. **Talbiet għal azzjoni skont ir-regoli dwar ir-responsabbiltà għall-ħsara ambjentali**

87. Id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, 2004/35/KE, għandha l-għan, fost l-oħrajn, li theġġeġ lil persuni fiżiċi u ġuridiċi sabiex jaqdu rwol fl-għoti ta' assistenza lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' ħsara ambjentali koperti mir-regoli dwar ir-responsabbiltà għall-ħsara ambjentali ([86]). Tippermetti lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi affettwati minn ħsara bħal din jew li għandhom interess suffiċjenti fil-ħsara jew li jallegaw l-indeboliment ta' dritt ikkaġunat mill-ħsara sabiex jagħmlu sottomissjonijiet u talbiet lill-awtorità nazzjonali kompetenti biex din tieħu l-miżuri neċessarji. Tipprevedi li ċerti NGOs se jitqiesu li għandhom interess jew drittijiet suffiċjenti li jistgħu jiġu indeboliti, u b'hekk tintitolahom biex jitolbu t-teħid ta' azzjoni. L-awtorità kompetenti hi meħtieġa tieħu deċiżjoni fuq it-talba għal azzjoni ([87]).

88. L-intitolament biex wieħed jagħmel sottomissjonijiet u jitlob azzjoni hu fformulat b'mod li jqarreb ħafna għal dak li jingħad fl-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u fid-dispożizzjonijiet relatati tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE. Tabilħaqq, dawk intitolati li jagħmlu sottomissjonijiet u jitolbu azzjoni huma intitolati wkoll li jikkontestaw legalment il-legalità proċedurali u sostantiva ta' deċiżjoni, ta' att jew ta' nuqqas ta' azzjoni ta' awtorità kompetenti fuq il-bażi tas-sottomissjonijiet u tat-talba ([88]).

89. Is-similarità fit-test, inkluż fir-rigward tal-intitolament privileġġat ta' NGOs ambjentali, tfisser li l-ġurisprudenza tal-QtĠ dwar il-*locus standi* deskritta fit-Taqsima C.2.3 tista' titqies ukoll fl-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, 2004/35/KE.

## 2.5. **Suġġetti oħra, bħal leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali, atti regolatorji ġenerali, pjanijiet u programmi u derogi**

### 2.5.1. *Bażi ġenerali għal-locus standi*

> *Il-bażi ġenerali għal-locus standi għall-kontestazzjoni ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet tal-Istati Membri fl-oqsma koperti mil-liġi ambjentali tal-UE hi stabbilita fil-liġi nazzjonali, iżda trid tiġi interpretata b'mod konsistenti mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tal-Artikoli 19(1) tat-TUE u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.*

---

([84]) Ara wkoll il-Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, p. 195.
([85]) C-263/08 *Djurgarden*, paragrafu 38.
([86]) Dawn ir-regoli jinkludu dispożizzjonijiet dettaljati dwar "*miżuri ta' rimedju*" għall-ħsara ambjentali li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, ara l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, 2004/35/KE.
([87]) L-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, 2004/35/KE.
([88]) L-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, 2004/35/KE.

90. L-Artikolu 19(1) tat-TUE, li jikkodifika l-prinċipju stabbilit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ([89]), jeħtieġ li "[*l-]Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni*". Fl-istess ħin, l-Artikolu 47(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li l-Istati Membri huma marbuta jirrispettaw meta jimplimentaw id-dritt tal-UE, jipprovdi li "[*kull] persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi tal-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu*".

91. Fil-qasam speċifiku tal-ambjent, l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jipprovdi li l-partijiet kontraenti għandhom jiżguraw li, meta jissodisfaw il-kriterji, jekk jeżistu, stabbiliti fil-liġi nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku jkollhom aċċess għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji sabiex jikkontestaw atti u omissjonijiet minn persuni privati u minn awtoritajiet pubbliċi li jiksru d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tagħhom relatata mal-ambjent. Kif osservat iktar 'il fuq, id-definizzjoni ta' "[*l-]pubbliku*" tinkludi NGOs ambjentali.

92. L-Artikolu 9(3) hu usa' mill-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus peress li l-benefiċjarju tal-*locus standi* hu "[*il-] pubbliku*", li skont id-definizzjoni tiegħu stess fil-Konvenzjoni ta' Aarhus hu usa' mill-"*pubbliku kkonċernat*". L-Artikolu 9(3) jirreferi wkoll għal atti u għal omissjonijiet minn persuni privati, filwaqt li l-Artikolu 9(2) hu limitat għal deċiżjonijiet, għal atti u għal omissjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi ([90]). Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 9(3) iħalli f'idejn il-partijiet kontraenti l-għażla bejn proċedura ta' rieżami amministrattiv u proċedura ta' rieżami ġudizzjarju. Barra minn hekk, ma jagħmel ebda referenza għal kriterji tal-aċċess bħall-indeboliment ta' dritt jew is-suffiċjenza ta' interess, u lanqas ma jipprovdi għal *locus standi de lege* għal NGOs ambjentali.

93. Konsegwentement, f'*LZ I* il-QtĠ iċċarat li l-Artikolu 9(3) ma fih ebda obbligu ċar u preċiż li kapaċi jirregola direttament il-pożizzjoni ġuridika tal-individwi, peress li hu soġġett għall-adozzjoni ta' miżuri sussegwenti minn partijiet kontraenti. ([91]) Madankollu, il-QtĠ iddikjarat li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(3), għad li huma abbozzati f'termini ġeneriċi, huma maħsuba biex jiżguraw ħarsien tal-ambjent effettiv ([92]) u li "*ma jistax jiġi pprevedut […] li tingħata interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Århus li tirrendi prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni.*" ([93])

94. Permezz tal-Artikolu 216(2) tat-TFUE, il-Konvenzjoni ta' Aarhus hi parti mill-ordinament ġuridiku tal-UE ([94]). Ir-rekwiżiti tal-ordinament ġuridiku tal-UE, li huma vinkolanti għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni, jinkludu l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE. Mekkaniżmu importanti għall-iżgurar ta' dan hu l-possibbiltà għall-qrati nazzjonali — u kultant id-dmir ta' dawn — li jitolbu deċiżjoni mill-QtĠ skont l-Artikolu 267 tat-TFUE dwar il-validità jew l-interpretazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi tad-dritt tal-UE. Dan jeħtieġ aċċess għall-qrati nazzjonali.

95. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, l-Istati Membri huma obbligati jipprovdu għal-*locus standi* biex jiżguraw aċċess għal rimedju effettiv għall-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali u sostantivi mogħtija mil-liġi ambjentali tal-UE anki jekk il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE inkwistjoni ma jkunx fiha dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kwistjoni.

### 2.5.2. ***Locus standi* għall-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali skont il-liġi ambjentali tal-UE**

*Il-locus standi jrid jingħata lil individwi u lil NGOs ambjentali biex jiġi żgurat ir-rispett għad-dispożizzjonijiet proċedurali ambjentali tal-UE, bħal dawk li jistabbilixxu proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jinvolvu l-parteċipazzjoni pubblika, pereżempju fi proċeduri li jikkonċernaw pjanijiet u programmi.*

96. Id-drittijiet proċedurali huma partikolarment importanti fil-każ ta' pjanijiet u ta' programmi. Ħafna siltiet mil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE jeħtieġu li jiġu adottati pjanijiet u programmi sabiex jiġi żgurat li jinkisbu l-objettivi

([89]) Ara pereżempju l-Kawża C-432/05 *Unibet*, paragrafu 37.
([90]) Għall-kamp ta' applikazzjoni ta' din in-Notifika, ara t-Taqsima A.
([91]) Il-Kawża C-240/09 *LZ I*, paragrafu 45.
([92]) Il-Kawża C-240/09 *LZ I*, paragrafu 46.
([93]) Il-Kawża C-240/09 *LZ I*, paragrafu 49.
([94]) Il-Kawża C-243/15 *LZ II*, paragrafu 45.

ambjentali. Dawn id-dokumenti jistgħu jservu bħala mezz kif jiġu ġestiti l-interventi maż-żmien (eż. pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara) ([95]) jew kif jiġu stabbiliti azzjonijiet bħala tweġiba għal problemi speċifiċi (eż. pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja sabiex jitbaxxew il-livelli eċċessivi ta' tniġġis tal-arja) ([96]). Minbarra li teħtieġ l-adozzjoni ta' ċerti tipi ta' pjan u ta' programm, il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE tistabbilixxi wkoll rekwiżiti għall-valutazzjoni ambjentali tal-pjanijiet u tal-programmi (eż. pjanijiet ta' użu tal-art) li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent ([97]).

97. Ħafna mil-leġiżlazzjoni kkonċernata tipprevedi stadju ta' konsultazzjoni pubblika obbligatorja matul il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus teħtieġ konsultazzjoni pubblika għal pjanijiet u għal programmi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tagħha. Fuq din il-bażi, il-pjanijiet u l-programmi relatati mal-ambjent li huma obbligatorji skont id-dritt tal-UE, iżda li għalihom ma ġiet stabbilita l-ebda dispożizzjoni espliċita dwar il-parteċipazzjoni pubblika,xorta waħda jista' jkollhom bżonn jinkludu konsultazzjoni pubblika.

98. Il-*locus standi* għall-kontestazzjoni ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi rigward pjanijiet u programmi koperti mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jista' jiġi ddefinit fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QtĠ dwar il-parteċipazzjoni pubblika. Bl-applikazzjoni tar-raġunar tas-sentenza fi *Kraaijeveld* ([98]) (li kienet tikkonċerna proġett u mhux pjan jew programm), il-benefiċjarji tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni huma intitolati jitolbu rieżami minn qorti dwar jekk ġietx rispettata l-proċedura meħtieġa fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet għal pjan jew għal programm.

99. Il-ġurisprudenza tal-QtĠ tindika li l-*locus standi* mhuwiex rilevanti biss għal deċiżjonijiet, għal atti jew għal omissjonijiet fuq pjanijiet u fuq programmi individwali, iżda hu rilevanti wkoll għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u għal atti regolatorji ġenerali li jistabbilixxu l-ħtiġiet proċedurali għal pjanijiet u programmi bħal dawn. Tabilħaqq, f'*Terre Wallonne u Inter-Environnement Wallonie* ([99]), il-QtĠ iddikjarat li programm ta' azzjoni meħtieġ skont id-Direttiva dwar in-Nitrati, 91/676/KEE, fil-prinċipju jeħtieġ ukoll valutazzjoni ambjentali strateġika (li tinkludi konsultazzjoni pubblika) skont id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika, 2001/42/KE. Bħala riżultat ta' dan, qorti nazzjonali ħassret partijiet minn ordni nazzjonali li jistabbilixxi programm ta' azzjoni dwar in-nitrati fuq il-bażi li kien naqas milli jipprovdi għal valutazzjoni ambjentali strateġika. Fil-kawża sussegwenti, *Inter-Environnement Wallonie*, il-QtĠ ikkonfermat li t-tħassir kien xieraq f'dawn iċ-ċirkustanzi ([100]).

100. Hu ċar li kemm l-individwi kif ukoll l-NGOs ambjentali jistgħu jibbenefikaw minn *locus standi* sabiex jipproteġu drittijiet proċedurali. Dan għaliex it-tnejn huma intitolati jeżerċitaw dawn id-drittijiet.

### 2.5.3. ***Locus standi għall-protezzjoni ta' drittijiet sostantivi***

*L-Istati Membri jridu jiżguraw locus standi biex jikkontestaw kategoriji ġenerali ħafna ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet sabiex jiżguraw li jkun jista' jiġi eżerċitat sett eżawrijenti ta' drittijiet sostantivi.*

101. Hu ċar mill-ġurisprudenza tal-QtĠ li l-*locus standi* jrid jingħata lil individwi u lil NGOs ambjentali sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem permezz tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, id-drittijiet tal-proprjetà koperti mill-objettivi tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, u, fil-każ ta' NGOs ambjentali, biex jiġi protett l-ambjent permezz tar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE.

102. L-applikazzjoni tal-"*kunċett ta' indeboliment tad-drittijiet*" (jiġifieri l-kunċett segwit minn ċerti Stati Membri li skont dan individwu jrid juri lil qorti li dritt li jgawdi minnu ġie indebolit) ippreżentat sfidi minħabba li l-ħarsien tal-ambjent normalment taqdi l-interess pubbliku ġenerali, u normalment ma jkollhiex l-għan li tagħti drittijiet lill-individwu b'mod espliċitu. L-approċċ alternattiv ta' ħtieġa ta' interess suffiċjenti jidher li jqajjem inqas sfidi, iżda jenħtieġ li japplikaw *mutatis mutandis*kunsiderazzjonijiet simili għal dawk deskritti għall-kunċett ta' indeboliment tad-drittijiet.

103. Il-QtĠ ikkonfermat li hu f'idejn l-Istati Membri li jiddefinixxu x'jikkostitwixxu l-indeboliment ta' dritt ([101]). Madankollu, ġie ċċarat ukoll li t-test tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ifissru li din id-diskrezzjoni hi

([95]) Ara l-Artikolu 13 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, 2000/60/KE.
([96]) Ara l-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja, 2008/50/KE.
([97]) Ara l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika, 2001/42/KE.
([98]) Il-Kawża C-72/95 *Kraaijeveld*, paragrafu 56.
([99]) Il-Kawżi Magħquda C-105/09 u C-110/09 *Terre Wallonne u Inter-Environnement Wallonie*.
([100]) Il-Kawża C-41/11 *Inter-Environnement Wallonie*, paragrafu 46.
([101]) Il-Kawża C-115/09 *Bund für Umwelt und Naturschutz*, paragrafu 44.

kkwalifikata mill-ħtieġa li jiġi rrispettat l-objettiv ta' żgurar ta' aċċess wiesa' għall-ġustizzja għall-pubbliku kkonċernat ([102]). Barra minn hekk, id-diskrezzjoni tal-Istati Membri dwar x'jikkostitwixxi l-indeboliment ta' dritt ma tistax tagħmilha diffiċli wisq li jiġu protetti d-drittijiet mogħtijin mid-dritt tal-UE. Għalhekk, il-*locus standi* ta' membri tal-pubbliku kkonċernat mid-deċiżjonijiet, mill-atti jew mill-omissjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE — u l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus — ma jistax jiġi interpretat rispettivament ([103]).

104. Il-QtĠ ikkonfermat dawn id-drittijiet fil-kuntest tad-deċiżjonijiet, tal-atti u tal-omissjonijiet li ġejjin tal-awtoritajiet pubbliċi: l-omissjoni ta' awtorità pubblika biex tħejji pjan meħtieġ bil-liġi dwar il-kwalità tal-arja ([104]), tadotta programmi dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ([105]) u l-għoti ta' deroga skont il-leġiżlazzjoni dwar in-natura. ([106]) Għaldaqstant, il-ġurisprudenza tixhet dawl fuq il-bżonn li l-Istati Membri u l-qrati nazzjonali jiżguraw *locus standi* għall-kontestazzjoni ta' kategoriji ġenerali ħafna ta' deċiżjoni, ta' att u ta' omissjoni fuq il-bażi ta' sett estensiv tad-drittijiet sostantivi.

### 2.5.4. *Kriterji li l-individwi u l-NGOs iridu jissodisfaw biex jitolbu locus standi*

*L-Istati Membri jistgħu jadottaw kriterji li l-individwi u l-NGOs iridu jissodisfaw biex jiksbu locus standi, iżda dawn il-kriterji ma jistgħux jagħmluha impossibbli jew diffiċli wisq biex dawn jeżerċitaw id-drittijiet sostantivi u proċedurali mogħtija mid-dritt tal-UE.*

105. Il-kliem tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ("*meta tissodisfa l-kriterji, jekk jeżistu, stabbiliti fil-liġi nazzjonali tagħha*") jagħti lill-partijiet kontraenti ċertu grad ta' diskrezzjoni biex jistabbilixxu l-kriterji għal-*locus standi*.

106. L-Istati Membri mhumiex obbligati jagħtu *locus standi* lil kwalunkwe membru tal-pubbliku (*actio popularis*) jew lil kwalunkwe NGO. Madankollu, skont il-Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, kwalunkwe kriterju bħal dan jenħtieġ li jkun konsistenti mal-objettivi tal-Konvenzjoni rigward l-iżgurar tal-aċċess għall-ġustizzja ([107]). Il-partijiet ma jistgħux jużaw il-klawżola li tiddikjara "*li jissodisfaw il-kriterji previsti mid-dritt intern tagħha, jekk ikun hemm*" bħala skuża biex jintroduċu jew iżommu kriterji li tant ikunu stretti li effettivament jipprojbixxu lil kull, jew kważi kull, organizzazzjoni ambjentali milli tikkontesta atti jew omissjonijiet li jmorru kontra l-liġi nazzjonali relatata mal-ambjent ([108]). Barra minn hekk, skont il-prinċipju ta' effikaċja, l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw kriterji li jagħmlu impossibbli jew diffiċli wisq l-eżerċitar tad-drittijiet mogħtijin mid-dritt tal-UE.

107. Kriterji xierqa stabbiliti mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus se jkunu xierqa f'kuntest tal-Artikolu 9(3) ukoll. Madankollu, għall-kuntrarju tal-Artikolu 9(2), l-Artikolu 9(3) ma jipprovdix b'mod espliċitu għal-*locus standi de lege* għall-NGOs ambjentali. Dan iqajjem il-kwistjoni ta' jekk l-Istati Membri humiex intitolati li japplikaw il-kunċett ta' indeboliment tad-drittijiet mingħajr ma jaħsbu għall-fatt li NGO mhix se tkun tista' turi indeboliment bl-istess mod bħall-individwu. F'dan ir-rigward, fid-dawl tar-rwol tal-NGOs ambjentali fil-protezzjoni tal-interessi ambjentali ġenerali bħall-kwalità tal-arja u l-bijodiversità, l-Istati Membri li japplikaw il-kunċett ta' indeboliment tad-drittijiet iridu jagħmlu dan b'tali mod li jiżguraw li l-NGOs ambjentali jingħataw *locus standi* biex jikkontestaw deċiżjonijiet, atti u omissjonijiet li jikkonċernaw dan ir-rwol.

## 3. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAR-RIEŻAMI ĠUDIZZJARJU

### 3.1. Introduzzjoni

*Il-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami ġudizzjarju jiddetermina kif l-imħallfin nazzjonali jivvalutaw il-legalità tad-deċiżjonijiet, tal-atti u tal-omissjonijiet ikkontestati. Għandu żewġ aspetti. L-ewwel wieħed jikkonċerna l-motivi possibbli tar-rieżami ġudizzjarju, jiġifieri l-oqsma tal-liġi u l-argumenti legali li jistgħu jitqajmu. It-tieni jikkonċerna l-intensità tal-iskrutinju (jew l-istandard tar-rieżami).*

([102]) Il-Kawża C-570/13 *Gruber*, paragrafu 39 u l-Kawża C-115/09 *Bund für Umwelt und Naturschutz*, paragrafu 44.
([103]) Il-Kawża C-570/13 *Gruber*, paragrafu 40.
([104]) Il-Kawża C-237/07 *Janecek*.
([105]) Il-Kawżi Magħquda C-165 sa C-167/09 *Stichting Natuur en Milieu*.
([106]) Il-Kawża C-240/09 *LZ I*.
([107]) Ara l-Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, p. 198.
([108]) Ara l-Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, p. 198.

108. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami ġudizzjarju hu element importanti ta' sistema effettiva tar-rieżami ġudizzjarju peress li dan jiddetermina kif l-imħallfin nazzjonali jivvalutaw il-legalità tad-deċiżjonijiet, tal-atti u tal-omissjonijiet ikkontestati. Għandu żewġ aspetti ewlenin. L-ewwel wieħed hu relatat mal-oqsma tal-liġi u mal-argumenti legali li jistgħu jitqajmu f'kontestazzjoni legali, b'mod partikolari fir-rigward ta' jekk rikorrent huwiex intitolat li jinvoka d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-liġi ambjentali tal-UE biex jibni kawża. Dan hu indirizzat fit-Taqsima C.3.2. It-tieni aspett hu relatat mal-intensità tal-iskrutinju li jridu jeżerċitaw l-imħallfin meta jivvalutaw il-legalità u hu indirizzat fit-Taqsima C.3.3.

109. Numru ta' direttivi tal-UE li jipprovdu b'mod espliċitu għall-aċċess għall-ġustizzja fih dispożizzjonijiet rilevanti għall-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami ġudizzjarju ([109]). Madankollu, ħafna mil-leġiżlazzjoni sekondarja ambjentali hi nieqsa minn dispożizzjonijiet bħal dawn u, biex jinftiehem il-kamp ta' applikazzjoni xieraq, hemm bżonn, bħal fil-każ tal-*locus standi*, li jsir riferiment għall-ġurisprudenza tal-QtĠ.

## 3.2. **Il-motivi possibbli tar-rieżami ġudizzjarju**

110. Dan l-aspett hu partikolarment rilevanti f'dawk il-ġurisdizzjonijiet li jagħtu *locus standi* biss fuq il-bażi li d-drittijiet tar-rikorrent ġew indeboliti. F'dawn, il-motivi possibbli tar-rieżami ġudizzjarju spiss ikunu tradizzjonalment ristretti għal dawk id-dispożizzjonijiet legali li jagħtu d-drittijiet individwali li jipprovdu l-bażi għal-*locus standi* invokat. Dan l-aspett hu rilevanti wkoll għar-restrizzjonijiet immirati għal-limitazzjoni tar-rikorrenti għal argumenti li jkunu qajmu fi proċedimenti amministrattivi preċedenti (preklużjoni) jew għall-prevenzjoni tar-rikorrenti milli jabbużaw proċessi ġudizzjarji billi jagħmlu sottomissjonijiet legali irrilevanti.

### 3.2.1. ***Attivitajiet speċifiċi li huma soġġetti għal rekwiżiti tal-parteċipazzjoni pubblika***

111. Din il-kategorija hi koperta mill-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Kif intqal iktar 'il fuq, l-Artikolu 9(2) hu mmirat biex jipprovdi għall-aċċess għall-ġustizzja b'rabta mad-deċiżjonijiet, mal-atti jew mal-omissjonijiet f'attivitajiet speċifiċi koperti mir-rekwiżiti dwar il-parteċipazzjoni pubblika tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

112. Kif intqal ukoll, l-Artikolu 9(2) jippermetti lill-Istati Membri jirrestrinġu l-*locus standi* fuq il-bażi ta' rikorrenti li huma individwi li jridu juru l-indeboliment ta' dritt jew interess suffiċjenti. F'termini tal-motivi possibbli tar-rieżami ġudizzjarju, dan iwassal għal differenza possibbli f'kif jistgħu jiġu ttrattati l-pretensjonijiet ta' individwi u ta' NGOs ambjentali. Dan hu speċjalment rilevanti għal deċiżjonijiet, għal atti u għal omissjonijiet li jikkonċernaw id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE, is-siltiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE li jagħtu effett lill-Artikolu 9(2). Madankollu, f'*LZ II* ([110]) il-QtĠ ikkonfermat li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus — u b'hekk tal-Artikolu 9(2) — hu usa' minn dak ta' dawn id-direttivi tal-UE.

#### 3.2.1.1. *Individwi*

| |
|---|
| *Jekk jagħmel l-ammissibbiltà ta' kontestazzjonijiet legali ppreżentata minn individwi soġġetta għall-kundizzjoni ta' indeboliment ta' dritt individwali, Stat Membru hu awtorizzat jipprovdi wkoll li t-tħassir ta' deċiżjoni amministrattiva minn qorti nazzjonali jeħtieġ il-ksur ta' dritt individwali tar-rikorrent.* |

113. F'*Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*, il-QtĠ iddikjarat li meta, skont id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE, Stat Membru jillimita l-*locus standi* għall-individwi għal sitwazzjonijiet li fihom jiġu indeboliti d-drittijiet, dan "*għandu wkoll is-setgħa li jipprovdi għall-annullament ta' deċiżjoni amministrattiva mill-qorti kompetenti li tirrikjedi l-ksur ta' dritt suġġettiv fir-rigward tar-rikorrent*" ([111]). Din l-interpretazzjoni tista' tapplika fir-rigward ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet oħra kkontestati koperti mill-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

114. Dan ifisser li, skont reġim ta' indeboliment tad-drittijiet, f'applikazzjonijiet ippreżentati minn individwi, il-qorti nazzjonali tista' tillimita l-eżaminazzjoni tagħha għad-dispożizzjonijiet li intitolaw lill-individwu jippreżenta l-kontestazzjoni legali.

---

([109]) L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-Aċċess għat-Tagħrif Ambjentali, 2003/4/KE; L-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, 2004/35/KE; L-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE; L-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE; u l-Artikolu 23 tad-Direttiva Seveso III, 2012/18/UE. Ara wkoll il-premessa 27 tad-Direttiva dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet 2016/2284, li tagħmel referenza speċifika għall-ġurisprudenza tal-QtĠ dwar l-aċċess għall-ġustizzja.

([110]) Il-Kawża C-243/15, *LZ II*.

([111]) Il-Kawża C-137/14, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja*, paragrafu 32.

3.2.1.2. *NGOs ambjentali rikonoxxuti*

*Għal kontestazzjonijiet legali li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, NGOs ambjentali rikonoxxuti mhumiex ristretti fil-motivi legali li jistgħu jitolbu u huma intitolati jinvokaw kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi ambjentali tal-UE.*

115. Ir-restrizzjoni tat-talbiet deskritti fit-Taqsima C.3.2.1.1 ma tapplikax għal NGOs ambjentali li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-liġi nazzjonali sabiex jiksbu *locus standi de lege*.

116. Fi *Trianel*, il-QtĠ iċċarat li dawn l-NGOs huma intitolati li jibbażaw fuq kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi ambjentali tal-UE li għandha effett dirett u fuq il-liġi nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-UE. Iddikjarat li jekk *"il-leġiżlatur nazzjonali jista' jillimita d-drittijiet li l-ksur tagħhom jista' jiġi invokat minn individwu partikolari fil-kuntest ta' rikors ġudizzjarju […] tali limitazzjoni ma tistax tapplika bħala tali għal assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent ħlief billi jiġu interpetati b'mod żbaljat l-għanijiet tal-aħħar sentenza tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337"*. ([112])

117. Dan ifisser li NGO ambjentali li fetħet proċedimenti fuq il-bażi ta' *locus standi de lege* hi intitolata tinvoka kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi ambjentali tal-UE li tqis li nkisret.

### 3.2.2. ***Suġġett li jaqa' taħt l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus***

*Il-motivi li jridu jiġu eżaminati fir-rieżamijiet ġudizzjarji li jaqgħu taħt l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jenħtieġ li, tal-inqas, ikopru d-dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqhom hu bbażat l-intitolament tar-rikorrent għal-locus standi.*

118. L-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jipprovdi għal-*locus standi* għall-kontestazzjoni ta' atti u ta' omissjonijiet mhux koperti mill-Artikolu 9(1) jew (2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

3.2.2.1. *Individwi*

119. Skont l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-membri tal-pubbliku ikollhom aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji meta dawn jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-liġi nazzjonali. B'hekk, skont approċċ ta' indeboliment taddrittijiet, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami għal talbiet relatati mad-drittijiet li r-rikorrent jargumenta li ġew indeboliti.

3.2.2.2. *NGOs ambjentali*

120. Fin-nuqqas ta' *locus standi de lege*, NGOs ambjentali huma intitolati għal, tal-inqas, rieżami ġudizzjarju fir-rigward ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jwasslu għal drittijiet u għal interessi li dwarhom jistgħu jittieħdu passi legali. Kif inhu evidenti mit-Taqsimiet C.1 u 2, u b'mod partikolari mis-sentenza tal-QtĠ f'*LZ II*, l-NGOs ambjentali jgawdu minn dritt ġenerali ta' ħarsien tal-ambjent u jinvokaw l-obbligi ambjentali quddiem il-qrati nazzjonali.

### 3.2.3. ***Preklużjoni u restrizzjonijiet oħra***

*Il-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami minn qorti nazzjonali ma jistax jitnaqqas għall-oġġezzjonijiet li diġà jkunu tqajmu fi ħdan il-limitu ta' żmien stipulat matul il-proċedura amministrattiva. Madankollu, il-qrati jistgħu jittrattaw bħala inammissibbli argumenti ppreżentati b'mod abużiv jew f'mala fede.*

121. F'*Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja*, il-QtĠ iddikjarat li mhuwiex possibbli li tiġi ristretta *"l-firxa tal-istħarriġ ġudizzjarju għall-oġġezzjonijiet li diġà ġew prodotti matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni"*. Il-QtĠ iġġustifikat il-pożizzjoni tagħha billi indikat l-obbligu li jiġi żgurat rieżami kemm tal-legalità sostantiva kif ukoll proċedurali tad-deċiżjoni kkontestata fis-sħuħija tagħha ([113]). Din is-sentenza hi rilevanti għal deċiżjonijiet, għal atti u għal omissjonijiet koperti mill-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE u mill-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE u għal deċiżjonijiet, għal atti u għal omissjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Hi applikabbli wkoll għal atti u għal omissjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni, għaliex il-kontestazzjonijiet legali għal dawn ikopru wkoll il-legalità sostantiva u proċedurali (ara t-Taqsima C.3.3.3).

([112]) Il-Kawża C-115/09, *Bund für Umwelt und Naturschutz*, paragrafu 45.
([113]) Il-Kawża C-137/14 *Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja*, paragrafu 80.

122. Filwaqt li l-preklużjoni mhix permessa, il-QtĠ indikat li "*huwa permess, għall-leġiżlatur nazzjonali, li jipprevedi regoli proċedurali speċifiċi, bħall-inammissibbiltà ta' argument ippreżentat b'mod mhux xieraq jew in mala fide, li jikkostitwixxu mekkaniżmi xierqa sabiex jiżguraw l-effettività tal-proċedura legali*". ([114]) F'dan ir-rigward, hu f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu regoli li huma konformi mar-rekwiżit ġenerali li jipprovdu għal rieżami ġudizzjarju tal-legalità sostantiva u proċedurali ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet.

## 3.3. **Intensità tal-iskrutinju/tal-istandard tar-rieżami**

> *Skont l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Istati Membri jridu jiżguraw rieżami ġudizzjarju effettiv tal-legalità sostantiva u proċedurali ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, anki jekk il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE ma tagħmel ebda referenza espliċita għal standard tar-rieżami li jkopri dawn iż-żewġ aspetti tal-legalità.*
>
> *Jenħtieġ li, fejn hemm bżonn, l-iskrutinju jestendi għal-legalità tal-leġiżlazzjoni u tal-atti regolatorji meta dawn inaqqsu jew jindebolixxu d-drittijiet proċedurali u sostantivi.*

123. L-intensità tal-iskrutinju jew tal-istandard tar-rieżami tiddetermina f'liema dettall il-qorti nazzjonali hi obbligata tivvaluta l-legalità tad-deċiżjoni, tal-att jew tal-omissjoni inkwistjoni. L-approċċi jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Jistgħu jestendu minn enfasi fuq kwistjonijiet proċedurali sa rieżami sħiħ tad-deċiżjonijiet, tal-atti jew tal-omissjonijiet ikkontestati, b'possibbiltà għall-imħallfin li jbiddlu s-sejbiet tal-amministrazzjoni mal-valutazzjoni tagħhom stess.

124. L-intensità tal-iskrutinju jew tal-istandard tar-rieżami mhijiex stabbilita f'dettall fil-Konvenzjoni ta' Aarhus jew fil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE. Madankollu, il-ġurisprudenza tal-QtĠ tixħet dawl fuq ir-rekwiżiti minimi li jridu jiġu ssodisfati sabiex ir-rieżami ġudizzjarju jitqies effettiv.

### 3.3.1. ***Talbiet għal informazzjoni ambjentali***

> *L-Istati Membri jridu jiżguraw rieżami ġudizzjarju effettiv tad-dritt li tintalab informazzjoni ambjentali li tkopri l-prinċipji u r-regoli rilevanti tad-dritt tal-UE. Dawn tal-aħħar jinkludu kundizzjonijiet speċifiċi li awtorità pubblika trid tissodisfa skont dispożizzjonijiet vinkolanti tal-UE dwar l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali.*

125. Il-kontestazzjonijiet legali għal deċiżjonijiet li jikkonċernaw talbiet għal informazzjoni ambjentali jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Id-Direttiva dwar l-Aċċess għat-Tagħrif Ambjentali, 2003/4/KE, fiha aċċess għal dispożizzjonijiet dwar il-ġustizzja ([115]) li jirriflettu r-rekwiżiti tal-Artikolu 9(1). Jipprovdu li l-Istati Membri jridu jiżguraw li kwalunkwe persuna li titlob informazzjoni skont id-direttiva jkollha aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti jew quddiem korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi, li fihom l-atti jew l-omissjonijiet tal-awtorità pubblika kkonċernata jistgħu jiġu rieżaminati u li d-deċiżjonijiet tagħhom isiru finali. Madankollu, dawn ma jiddeterminawx il-firxa tar-rieżami ġudizzjarju meħtieġa mid-direttiva.

126. F'*East Sussex*, il-QtĠ intalbet tinterpreta l-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami meħtieġ skont id-Direttiva dwar l-Aċċess għat-Tagħrif Ambjentali, 2003/4/KE. Iddikjarat li "*[fl-]assenza ta' preċiżjoni fid-dritt tal-Unjoni, id-determinazzjoni ta' din il-portata tirriżulta mill-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri, bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività*" ([116]). Fil-kuntest speċifiku tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja tad-direttiva, il-QtĠ iċċarat li rieżami effettiv irid jissodisfa l-objettiv ta' forniment ta' skema ġenerali biex jiġi żgurat li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fi Stat Membru jkollha dritt li taċċessal-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom, mingħajr ma dik il-persuna jkollha tiddikjara interess ([117]). Fir-rigward tad-deċiżjoni amministrattiva kkontestata sabiex applikant jintalab iħallas għal ċerti spejjeż għat-tweġib ta' talba għal informazzjoni, il-QtĠ f'*East Sussex* iddikjarat li l-qorti nazzjonali tal-inqas trid teżamina jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti fid-direttiva. ([118])

([114]) Il-Kawża C-137/14 *Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja*, paragrafu 81.
([115]) L-Artikolu 6(2).
([116]) Il-Kawża C-71/14 *East Sussex*, paragrafu 53.
([117]) Il-Kawża C-279/12 *Fish Legal u Shirley*, paragrafu 36.
([118]) Stabbilit fl-Artikolu 5(2).

### 3.3.2. *Suġġett ieħor bħal attivitajiet speċifiċi li jeħtieġu parteċipazzjoni pubblika; responsabbiltà għall-ħsara ambjentali; pjanijiet u programmi; u derogi; leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali u atti regolatorji*

*Il-ġurisprudenza tal-QtĠ tipprovdi gwida dwar kif jenħtieġ li jsir l-iskrutinju ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE.*

#### 3.3.2.1. *Il-bżonn li tiġi skrutinizzata l-legalità proċedurali u sostantiva*

127. Ir-rieżami ġudizzjarju stabbilit fl-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus — u fil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE li tittrasponiha — hu meħtieġ biex tiġi vvalutata l-legalità sostantiva u proċedurali tad-deċiżjonijiet, tal-atti u tal-omissjonijiet ikkontestati. Madankollu, la l-Konvenzjoni ta' Aarhus u lanqas il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE ma jispeċifikaw il-firxa tar-rieżami tal-legalità sostantiva u proċedurali li jrid isir.

128. Fuq nota simili, l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ma jipprovdix obbligu espliċitu li tiġi stabbilita sistema ta' rieżami li fiha tiġi vvalutata l-legalità sostantiva u proċedurali ta' att jew ta' omissjoni. Fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE, id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, 2004/35/KE, biss bħalissa tipprovdi b'mod espliċitu għal dan. Minkejja dan, il-ġurisprudenza tal-QtĠ, b'mod partikolari *East Sussex* u *Janecek*, tindika li prinċipju tal-UE ta' rieżami ġudizzjarju effettiv li jkopri l-legalità sostantiva u proċedurali japplika għal atti u għal omissjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Inkella ma jistax jiġi żgurat li l-objettivi tal-liġi ambjentali tal-UE, u d-drittijiet mogħtija minn din, jistgħu jiġu protetti b'mod suffiċjenti mill-qrati nazzjonali. Skont il-Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-istandard tar-rieżami li jrid jiġi applikat fil-kuntest tal-Artikolu 9(3) hu l-istess bħal dak li jrid jiġi applikat fil-kuntest tal-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni, li jfisser li jenħtieġ li qorti nazzjonali teżamina kemm il-legalità sostantiva kif ukoll dik proċedurali ([119]).

129. Il-ġurisprudenza tal-QtĠ tagħmilha ċara li rieżami limitat għal-legalità proċedurali ma jkunx konformi mal-obbligi skont l-Artikolu 9(2) u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata tal-UE. F'*Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja*, il-QtĠ iddikjarat li "*l-għan stess segwit mill-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92 u mill-Artikolu 25 tad-Direttiva 2010/75 jikkonsisti mhux biss f'li jiġi żgurat lill-parti fil-kawża l-ikbar aċċess possibbli għall-istħarriġ ġudizzjarju, iżda wkoll sabiex jippermetti li dan l-istħarriġ jikkonċerna l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, dwar il-mertu jew dwar il-proċedura, fl-intier tagħha*". ([120])

130. B'mod iktar ġenerali, f'*East Sussex* ([121]) il-QtĠ iddikjarat li sistema ta' rieżami ġudizzjarju tikkonforma mal-prinċipju ta' effikaċja "*sakemm il-qorti adita b'rikors għal annullament ta' tali deċiżjoni tapplika effettivament, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità tagħha, il-prinċipji u r-regoli rilevanti tad-dritt tal-Unjoni rilevanti*".

131. Il-konklużjoni li trid tittieħed minn *East Sussex* hi li, anki jekk l-istandard tar-rieżami ma tkunx speċifikata fid-dritt tal-UE, il-mod li bih isir rieżami jrid ikun effettiv fiż-żamma tad-drittijiet u fl-iżgurar li nkisbu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

#### 3.3.2.2. *Il-legalità proċedurali*

132. Il-Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus tiddefinixxi l-illegalità proċedurali bħala każ li fih l-awtorità pubblika tkun kisret il-proċeduri stabbiliti bil-liġi ([122]).

133. Nuqqasijiet proċedurali li jistgħu jwasslu għall-illegalità ta' deċiżjoni, ta' att jew ta' omissjoni jistgħu jkunu relatati ma' (1) il-kompetenza tal-awtorità sabiex tieħu d-deċiżjoni jew l-att inkwistjoni, (2) proċedura obbligatorja stabbilita għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet (eż. konsultazzjoni pubblika jew it-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali) jew (3) il-forma li fiha jinstabu deċiżjoni, att jew omissjoni.

134. Filwaqt li (1) u (3) normalment jiġu ddeterminati mill-Istati Membri f'konformità mal-awtonomija proċedurali tagħhom, (2) aktarx li tkun iddeterminata mid-dritt tal-UE fejn ir-rekwiżiti obbligatorji dwar il-parteċipazzjoni pubblika huma stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Aarhus u fil-leġiżlazzjoni sekondarja relatata tal-UE. Pereżempju, id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, tistabbilixxi r-rekwiżiti formali tal-konsultazzjoni pubblika li awtorità pubblika trid tissodisfa meta twettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali. L-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti hu essenzjali sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni pubblika effettiva fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

([119]) Il-Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, p. 199.
([120]) Il-Kawża C-137/14, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja*, paragrafu 80 (bl-enfasi miżjuda).
([121]) Il-Kawża C-71/14 *East Sussex*, paragrafu 58.
([122]) Ara l-paġna 196.

Konsegwentement, fl-applikazzjoni tal-approċċ imsemmi hawn fuq, il-qorti nazzjonali trid tingħata s-setgħa li teżamina l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti formali u tiddeċiedi dwar rimedji adegwati fil-każ ta' nuqqasijiet fil-proċedura. Ir-rekwiżiti formali obbligatorji mhumiex għad-diskrezzjoni tal-awtorità pubblika.

135. L-iskrutinju tal-legalità proċedurali jista' jikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni għar-regolarizzazzjoni tal-miżuri irregolari ta' parti privata jew ta' awtorità pubblika. Il-QtĠ ippermettiet il-possibbiltà ta' regolarizzazzjoni iżda rabtet ma' din kundizzjonijiet għall-użu tagħha ([123]). Fi *Križan*, fil-kuntest ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni għal miżbla, il-QtĠ intalbet tikkunsidra l-kamp ta' applikazzjoni għar-rettifika ta' żball li għamlet awtorità pubblika (speċifikament, nuqqas milli tqiegħed għad-dispożizzjoni ċerta informazzjoni fi proċedura għall-approvazzjoni ta' miżbla) fl-istadju ta' appell amministrattiv kontra d-deċiżjoni ta' dik l-awtorità. Il-QtĠ ikkonfermat li r-regolarizzazzjoni kienet possibbli, dment li l-għażliet u s-soluzzjonijiet meħtieġa kollha jibqgħu possibbli fl-istadju tal-appell ([124]). Din kienet kwistjoni li kellha tiġi ddeterminata mill-qorti nazzjonali ([125]).

3.3.2.3. *Il-legalità sostantiva*

136. L-illegalità sostantiva hi ddefinita mill-Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus bħala każ li fih tkun inkisret is-sustanza tal-liġi ([126]).

(a) *Il-fatti tal-kawża*

137. L-ewwel aspett tar-rieżami tal-legalità sostantiva jikkonċerna l-fatti tal-kawża. Miġbura mill-amministrazzjoni u eventwalment emendati fi proċess ta' konsultazzjoni pubblika, dawn huma l-bażi li fuqha l-awtorità kompetenti tiddeċiedi jekk tiħux xi deċiżjoni jew azzjoni u b'liema kontenut u ġustifikazzjoni. Meta l-fatti jkunu inkompluti jew żbaljati, jew interpretati ħażin, l-iżball ikollu konsegwenza diretta fuq il-kwalità tad-deċiżjoni amministrattiva meħuda u jista' jxekkel l-objettivi tal-liġi ambjentali tal-UE.

138. F'*East Sussex*, il-QtĠ ikkonfermat li, fin-nuqqas ta' regoli tal-UE, hi f'idejn l-ordinament ġuridiku ta' kull Stat Membru li jistabbilixxi r-regoli proċedurali dettaljati li jirregolaw azzjonijiet għas-salvagwardja ta' drittijiet li l-individwi jiksbu mid-dritt tal-UE. F'dan ir-rigward, ma jistax isir impossibbli fil-prattika jew diffiċli wisq li wieħed jeżerċita d-drittijiet mogħtijin mid-dritt tal-UE (il-prinċipju ta' effikaċja). ([127])

139. Il-qrati nazzjonali ġeneralment mhumiex meħtieġa jwettqu xi ġbir ta' informazzjoni jew investigazzjoni fattwali huma stess. Madankollu, biex jiġi żgurat rieżami effettiv tad-deċiżjonijiet, tal-atti jew tal-omissjonijiet inkwistjoni, irid jiġi applikat standard minmu għall-eżaminazzjoni tal-fatti sabiex jiġi żgurat li rikorrent jista' jeżerċita d-dritt tiegħu li jitlob rieżami b'mod effettiv anki f'dak li għandu x'jaqsam mal-eżaminazzjoni tal-fatti. Jekk qorti nazzjonali qatt ma tista' tirrieżamina l-fatti li fuqhom l-amministrazzjoni bbażat id-deċiżjoni tagħha, din tista', mill-bidu nett, tipprevjeni milli rikorrent jippreżenta b'mod effettiv pretensjoni potenzjalment ġustifikata.

(b) *Valutazzjoni tal-merti ta' deċiżjoni, ta' att jew ta' omissjoni*

140. Meta joħorġu konklużjonijiet mill-fatti ta' kawża u mil-leġiżlazzjoni applikabbli, dawk li jieħdu deċiżjonijiet amministrattivi normalment igawdu minn diskrezzjoni wiesgħa. Il-QtĠ tagħraf li rieżami limitat tal-merti ta' deċiżjoni, ta' att jew ta' omissjoni jista' jkun kompatibbli mad-dritt tal-UE. Kif osservat iktar 'il fuq, il-QtĠ f'*East Sussex* iddikjarat li, filwaqt li rieżami ġudizzjarju limitat minnu nnifsu ma jagħmilhiex diffiċli wisq li wieħed jeżerċita d-drittijiet mogħtija bid-dritt tal-UE, bħala minimu dan irid jippermetti lill-qorti li tisma' t-talba tapplika b'mod effettiv il-prinċipji u r-regoli rilevanti tad-dritt tal-UE. ([128])

141. Dan ifisser li l-istandard tar-rieżami applikat irid jiżgura li l-objettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE inkwistjoni huma ssalvagwardjati. Irid jitqies ukoll il-firxa tad-diskrezzjoni ta' min ħa d-deċiżjoni fl-evalwazzjoni tal-fatti u fil-ħruġ ta' konklużjonijiet u tas-sejbiet minnhom.

142. Il-ġurisprudenza tal-QtĠ tipprovdi ċarezza dwar kif jenħtieġ li l-imħallfin nazzjonali jiskrutinizzaw id-diskrezzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi f'diversi kuntesti speċifiċi.

([123]) Fil-Kawża C-215/06, *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda*, il-QtĠ iddikjarat fil-paragrafu 57 li "*[madankollu], għalkemm id-dritt Komunitarju ma jistax jipprekludi li r-regoli nazzjonali applikabbli jippermettu, f'ċerti każijiet, li jiġu rregolarizzati operazzjonijiet jew atti irregolari fid-dawl ta' dan tal-aħħar, tali possibbiltà għandha tiġi suġġetta għall-kundizzjoni li hija ma toffrix lill-individwi kkonċernati l-opportunità li jevitaw ir-regoli Komunitarji jew jaħarbu milli japplikawhom u li din tibqa' eċċezzjonali.*"

([124]) Il-Kawża C-416/10 *Križan*, paragrafi 87-91.

([125]) Il-Kawża C-416/10 *Križan*, paragrafu 91.

([126]) Ara l-paġna 196.

([127]) Il-Kawża C-71/14 *East Sussex*, paragrafu 52.

([128]) Il-Kawża C-71/14 *East Sussex*, paragrafu 58.

143. Fil-kuntest tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, is-sentenzi tal-QtĠ f'*Mello* u fi *Gruber* ([129]) jistabbilixxu li deċiżjoni meħuda minn amministrazzjoni li ma twettaqx valutazzjoni tal-impatt ambjentali fuq proġett tista' tiġi kkontestata quddiem qorti nazzjonali minn membru tal-pubbliku kkonċernat. B'mod partikolari, rieżami ġudizzjarju effettiv irid ikopri l-legalità tar-raġunijiet għad-deċiżjoni ta' kontroll ikkontestata ([130]). Dan jinkludi l-kwistjoni ta' jekk il-proġett għandux effett sinifikanti probabbli fuq l-ambjent. Barra minn hekk, fir-rigward tal-istess direttiva, il-QtĠ f'*Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja* ddikjarat li Stat Membru ma jistax jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' rieżami ġudizzjarju għall-kwistjoni ta' jekk deċiżjoni li ma titwettaqx valutazzjoni tal-impatt ambjentali kinitx valida. Osservat li l-esklużjoni tal-applikabbiltà tar-rieżami ġudizzjarju f'każijiet li fihom, wara li titwettaq, jinstab li valutazzjoni tal-impatt ambjentali fiha difetti — anki difetti serji — tirrendi nulli d-dispożizzjonijiet tad-direttiva relatata mal-parteċipazzjoni pubblika ([131]).

144. Fil-kuntest tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE, il-QtĠ iddikjarat f'*Waddenzee* ([132]) li l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jistgħu jawtorizzaw attività f'sit protett ta' Natura 2000 biss meta, b'kunsiderazzjoni tal-konklużjonijiet ta' valutazzjoni xierqa, ma jifdal ebda dubju xjentifiku raġonevoli li, fid-dawl tal-objettivi ta' konservazzjoni tas-sit, l-attività mhix se taffettwa b'mod avvers l-integrità tas-sit. Dan ifisser li, meta jintalab jerġa' jeżamina deċiżjoni li tawtorizza attività bħal din, l-imħallef nazzjonali jrid jiddetermina jekk l-evidenza xjentifika li fuqha bbażat l-awtorità pubblika tħallix xi dubju raġonevoli.

145. B'hekk, l-imħallef nazzjonali jista' jintalab jieħu kont tal-evidenza xjentifika rilevanti, li fuqha normalment ikunu bbażati l-miżuri ambjentali. Il-formulazzjoni tas-sentenza fil-Kawża *Waddenzee* tindika li t-test ta' jekk hemmx dubju raġonevoli hu wieħed oġġettiv u ma jistax jiġi ttrattat mill-qorti nazzjonali bħala wieħed suġġettiv li jaqa' biss taħt id-diskrezzjoni proprja tal-awtorità pubblika.

146. Fil-kuntest ta' rekwiżit għat-tħejjija ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja skont il-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali, f'*Janecek* il-QtĠ iddikjarat li "*għalkemm l-Istati għalhekk għandhom setgħa diskrezzjonali, l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 96/62 jipprovdi limiti għall-eżerċizzju tagħha, li jistgħu jiġu invokati quddiem il-qrati nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 1996, Kraaijeveld et, C-72/95, [1996] Ġabra p. I-5403, punt 59) fir-rigward tal-idoneità tal-miżuri li l-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi bl-għan li jitnaqqas ir-riskju li jinqabżu l-valuri limitu u/jew il-limiti ta' twissija u li jiġi limitat it-tul ta' tali okkorrenza, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-bilanċ li għandu jiġi assigurat bejn dan l-għan u d-diversi interessi pubbliċi u privati kunfliġġenti*" ([133]). B'hekk, f'din is-sentenza, il-QtĠ tipprevedi li jenħtieġ li l-iskrutinju tal-imħallef nazzjonali jestendi għall-adegwatezza tal-miżuri fid-dawl tal-interessi rilevanti inkwistjoni f'dak il-każ. B'mod simili, fil-kuntest ta' rekwiżit fuq l-Istati Membri biex ifasslu programmi biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa speċifiċi biex jikkonformaw mal-limiti fuq it-tali emissjonijiet stabbiliti mid-Direttiva dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet (NEC), 2016/2284 ([134]), fi *Stichting Natuur en Milieu* l-QtĠ iddikjarat li jenħtieġ li l-iskrutinju ġudizzjarju jestendi għal jekk il-programmi nazzjonali kienx fihom politiki u miżuri xierqa u koerenti li kapaċi jnaqqsu l-emissjonijiet għal-livelli meħtieġa mil-limiti tal-emissjonijiet ([135]).

147. Fuq l-istess nota, l-intensità tal-iskrutinju ġudizzjarju li l-QtĠ kienet qed tistenna f'*Janecek* u *Stichting Natuur en Milieu* hi rilevanti fl-oqsma tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma u l-iskart, fejn ir-rekwiżiti għall-awtoritajiet pubbliċi kompetenti biex iħejju pjanijiet u programmi jaqdu rwol importanti fl-indirizzar tal-objettivi ambjentali.

148. Fi *Stichting Natuur en Milieu*, il-QtĠ innutat l-obbligu ġenerali għall-Istati Membri sabiex iżommu lura milli jieħdu kwalunkwe miżura, ġenerali jew speċifika, li tista' xxekkel serjament il-kisba ta' riżultat meħtieġ minn direttiva ([136]). Dan hu rilevanti fejn ikun argumentat lill-imħallef nazzjonali li deċiżjoni mmirata lejn l-implimentazzjoni ta' liġi ambjentali waħda tal-UE se ttellef l-implimentazzjoni ta' oħra.

149. Temi komuni msemmijin fil-kawżi ta' hawn fuq u f'*East Sussex* huma l-importanza tal-ispeċifiċitajiet tas-siltiet individwali tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-UE matul il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Ħafna mill-ġurisprudenza msemmija tirriżulta minn referenzi preliminari mill-qrati nazzjonali bl-iskop li

([129]) Il-Kawża C-570/13 *Gruber*, paragrafi 42-50.
([130]) Il-Kawża C-75/08 *Mellor*, paragrafu 59.
([131]) Il-Kawża C-137/14 *Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja*, paragrafu 48; u l-Kawża C-72/12 *Altrip*, paragrafu 37.
([132]) Il-Kawża C- 127/02 *Waddenzee*, paragrafu 59.
([133]) Il-kawża C-237/07 Janecek, paragrafu 46.
([134]) Qabel 2001/81/KE.
([135]) Il-Kawżi C-165 sa C-167/09, *Stichting Natuur en Milieu*.
([136]) Il-Kawżi C-165 sa C-167/09, *Stichting Natuur en Milieu*, paragrafi 78 u 79.

tippermettilhom jivverifikaw jekk min ħa d-deċiżjoni amministrattiva applikax interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-UE. F'dan il-kuntest, importanti wkoll li jitfakkar li l-qrati nazzjonali huma obbligati japplikaw id-dritt rilevanti tal-UE *ex officio*, irrispettivament minn dak li jinvokaw il-partijiet fil-proċedimenti jekk, permezz tad-dritt nazzjonali, dawn iridu jqajmu punti tal-liġi fuq il-bażi ta' regoli domestiċi vinkolanti li ma tqajmux mill-partijiet ([137]).

150. Il-prinċipju tal-proporzjonalità hu rilevanti wkoll meta jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE ([138]).

(c) *Skrutinizzar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-atti regolatorji*

151. Kif osservat fit-Taqsima C.1.2, il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE għas-salvagwardja tal-interessi pubbliċi — inkluż l-interess tal-involviment pubbliku — se tiddependi, minn naħa, fuq il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali u fuq atti regolatorji ġenerali. Ma jistax jiġi eskluż li l-atti leġiżlattivi u regolatorji stess kultant jistgħu jkunu żbaljati, u iktar restrittivi fir-rikonoxximent tad-drittijiet imsemmija fit-Taqsima C.1 milli hu ġġustifikat mil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE kkonċernata. Leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali u atti regolatorji żbaljati jistgħu jirriżultaw f'nuqqas ta' applikazzjoni uniformi tal-liġi ambjentali tal-UE u, għalhekk, il-QtĠ irrikonoxxiet in-neċessità tal-għoti tal-possibbiltà tar-rieżami tagħhom f'ċerti ċirkustanzi.

152. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus teskludi atti leġiżlattivi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha ([139]) u d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha *"proġetti li d-dettalji tagħhom huma adottati b'att leġiżlattiv nazzjonali speċifiku"*. Madankollu, f'*Boxus* u f'*Solvay*, il-QtĠ ikkonfermat li l-qrati nazzjonali jridu jkunu lesti li jiskrutinizzaw l-atti leġiżlattivi nazzjonali biex jiżguraw li jissodisfaw kwalunkwe kundizzjoni li tkun tiġġustifika l-esklużjoni tagħhom mir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. Dawn il-każijiet kienu relatati mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li kellha l-għan li tistabbilixxi rekwiżiti rigward elementi speċifiċi tal-infrastruttura tal-ajruporti u tal-ferroviji, indipendentement mill-proċeduri amministrattivi tas-soltu. Il-QtĠ qieset li l-eċċezzjoni għal atti leġiżlattivi tapplika biss meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, u osservat li l-aċċess rilevanti għad-dispożizzjonijiet dwar il-ġustizzja tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, jitlef l-effikaċja kollha jekk is-sempliċi fatt li proġett jiġi adottat b'att leġiżlattiv kellu jagħmlu immuni għal kwalunkwe proċedura ta' rieżami għall-kontestazzjoni tal-legalità proċedurali u amministrattiva tiegħu ([140]). Għaldaqstant, il-qrati nazzjonali huma obbligati jirrieżaminaw jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-esklużjoni ([141]).

153. F'*Inter-Environnement Wallonie*, il-QtĠ saħqet fuq l-importanza tal-qrati nazzjonali li jiskrutinizzaw atti leġiżlattivi biex jiżguraw l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-liġi ambjentali tal-UE dwar pjanijiet u programmi ([142]). Fi *Stadt Wiener Neustadt*, il-QtĠ irreferiet għar-rwol tal-qorti nazzjonali fl-iżgurar ta' jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali kinitx konformi mad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE b'rabta mar-regolarizzazzjoni tal-miżuri illegali ([143]). F'dak il-każ, iddikjarat li d-dritt tal-UE kien jipprekludi l-leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tipprovdi li jrid jitqies li kienet saret valutazzjoni preċedenti tal-impatt ambjentali għal ċerti proġetti li, fil-verità, ma kinitx saritilhom valutazzjoni. Innutat li leġiżlazzjoni bħal din tista' tiffrustra l-possibbiltà li jinkiseb rimedju effettiv f'kundizzjonijiet raġonevoli ([144]).

(d) *L-eżaminar tal-validità tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-UE*

154. L-Artikolu 267 tat-TFUE jipprovdi mezz li bih il-qrati nazzjonali jistgħu jagħmlu mistoqsijiet lill-QtĠ dwar il-validità ta' leġiżlazzjoni u ta' atti tal-UE. L-użu ta' din il-possibbiltà hu muri minn *Standley*, fejn, wara l-mistoqsijiet

([137]) Ara l-Kawża C-72/95 *Kraaijeveld*, paragrafu 57.
([138]) Fil-Kawżi Magħquda C-293/12, *Digital Rights Ireland Ltd* u C-594/12 dwar ir-regoli fuq ir-ritenzjoni ġenerali tal-metadata tal-komunikazzjoni, il-QtĠ iddikjarat fil-paragrafu 47 *"Fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet, ġaladarba jinsabu inkwistjoni inġerenzi fi drittijiet fundamentali, il-portata tas-setgħa diskrezzjonali tal-leġiżlatur tal-Unjoni tista' tirriżulta li hija limitata skont ċertu numru ta' elementi, fosthom, b'mod partikolari, il-qasam ikkonċernat, in-natura tad-dritt inkwistjoni ggarantit mill-Karta, in-natura u l-gravità tal-inġerenza kif ukoll l-għan tagħha"*.
([139]) Dan għaliex id-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" fl-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus teskludi korpi jew istituzzjonijiet li jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja jew leġiżlattiva.
([140]) Il-Kawżi Magħquda C-128/09 sa C-131/09, C-134/09 u C-135/09 *Boxus*, paragrafu 53.
([141]) Il-Kawżi Magħquda C-128/09 sa C-131/09, C-134/09 u C-135/09 *Boxus*.
([142]) Il-Kawża C-41/11, *Inter-Environnement Wallonie*, paragrafi 42 sa 47.
([143]) Il-Kawża C-348/15 *Stadt Wiener Neustadt*, paragrafu 38.
([144]) Il-Kawża C-348/15 *Stadt Wiener Neustadt*, paragrafi 47 u 48.

li għamlitilha qorti nazzjonali, il-QtĠ, fost l-oħrajn, eżaminat il-validità tad-Direttiva dwar in-Nitrati, 91/676/KEE fid-dawl tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas stabbilit fl-Artikolu 191 tat-TFUE ([145]). B'mod simili, f'*Safety Hi Tech*, il-QtĠ eżaminat mill-ġdid il-validità tar-Regolament dwar l-Ożonu, (KE) Nru 3093/94 [issa (KE) Nru 2037/2000], fl-isfond tad-dikjarazzjoni fl-Artikolu 191 tat-TFUE li jenħtieġ li l-politika ambjentali tal-UE timmira lejn livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent ([146]). *Eco-Emballages SA*, li fost l-oħrajn kien fiha mistoqsija dwar il-validità ta' direttiva tal-Kummissjoni adottata skont id-Direttiva dwar l-Iskart mill-Imballaġġ, 94/62/KE, turi kif l-Artikolu 267 tat-TFUE jista' jintuża b'rabta ma' att sussidjarju adottat fil-livell tal-UE ([147]).

## 4. RIMEDJI EFFETTIVI

### 4.1. **Introduzzjoni**

*Hemm rekwiżit ġenerali li kull korp ta' Stat Membru jrid jannulla l-konsegwenzi mhux regolari ta' ksur tal-liġi ambjentali tal-UE. L-Istati Membri jridu wkoll iżommu lura milli jieħdu xi miżura li tista' xxekkel serjament il-kisba ta' riżultat stipulat mil-liġi ambjentali tal-UE. L-Istati Membri għandhom id-diskrezzjoni fir-rigward tar-rimedji effettivi, dment li jikkonformaw mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effikaċja.*

155. Ġeneralment ma jkunx biżżejjed li rieżami ġudizzjarju jiddetermina jekk deċiżjoni, att jew omissjoni partikolari kinux skont il-liġi. Se jkun hemm bżonn li l-qrati nazzjonali jikkunsidraw ukoll ir-rimedji effettivi — kultant imsejħin ħelsien — meta jinstab li l-aġir tal-awtorità pubblika mar kontra d-dritt tal-UE. Il-QtĠ idderivat mill-prinċipju ta' kooperazzjoni *bona fede*, issa stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-TUE, rekwiżit li kull korp ta' Stat Membru jannulla l-konsegwenzi irregolari ta' ksur tad-dritt tal-UE ([148]). Id-dmir ta' kooperazzjoni jeħtieġ ukoll li l-ksur jiġi evitat qabel ma jseħħ, bl-Istati Membri li huma obbligati jżommu lura milli jieħdu xi miżura li tista' serjament ixxekkel il-kisba ta' riżultat stipulat mil-liġi ambjentali tal-UE ([149]). Għaldaqstant, l-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri jridu jipprovdu għal rimedji effettivi li jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti.

156. Ir-regoli proċedurali dettaljati applikabbli għar-rimedji effettivi huma kwistjoni għall-ordinament ġuridiku domestiku ta' kull Stat Membru, skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri. Dan dment li dawn ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet domestiċi simili (il-prinċipju ta' ekwivalenza) u li ma jirrendux impossibbli fil-prattika jew diffiċli wisq l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-UE (il-prinċipju ta' effikaċja) ([150]). Fir-rigward ta' dan il-prinċipju msemmi l-aħħar, il-QtĠ ibbażat ukoll fuq standards derivati mill-Artikolu 47(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li jnaqqax id-dritt għal rimedju effettiv ([151]).

157. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus tirreferi għar-rimedji effettivi wkoll. L-Artikolu 9(4) jeħtieġ li l-proċeduri ta' rieżami ġudizzjarju għall-kontestazzjoni ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet għandu jipprovdi rimedji adegwati u effettivi, inkluż "*rimedju b'mandat ta' inibizzjoni*" kif xieraq. Dan hu rekwiżit awżiljarju għal dawk tal-Artikolu 9(1), (2) u (3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

### 4.2. **Rimedji fil-każ ta' difetti proċedurali minuri**

*Difetti proċedurali minuri ma jeħtiġux rimedji, dment li jista' jiġi stabbilit — mingħajr it-tqegħid ta' xi piż fuq l-applikant għal rieżami ġudizzjarju — li dawn ma ħallewx impatt fuq id-deċiżjoni kkontestata.*

158. F'*Altrip*, li kienet tikkonċerna mistoqsijiet ta' interpretazzjoni li rriżultaw minn irregolaritajiet allegati f'valutazzjoni tal-impatt ambjentali mwettqa fuq skema proposta ta' ritenzjoni tal-għargħar, il-QtĠ innutat li, "*ma jistax jiġi*

([145]) C-293/97 *Standley*, paragrafi 51 u 52.
([146]) C-284/95 *Safety Hi Tech*, paragrafi 33 sa 61.
([147]) Il-Kawżi Magħquda C-313/15 u C-530/15, *Eco-Emballages SA*.
([148]) Il-Kawża C-201/02 *Wells*, paragrafi 64-65.
([149]) Il-Kawża C-129/96 *Inter-Environnement Wallonie*, paragrafu 45.
([150]) Il-Kawża C-201/02 *Wells*, paragrafu 67, u l-Kawża C-420/11 *Leth*, paragrafu 38.
([151]) Il-Kawża C-71/14 *East Sussex*, paragrafu 52.

*kkontestat li kull difett proċedurali mhux neċessarjament iwassal għal konsegwenzi li jistgħu jaffettwaw is-sens ta' tali deċiżjoni.*" ([152]) Iddikjarat li m'hemmx bżonn ta' rimedji effettivi bħar-revoka jekk deċiżjoni kkontestata ma kinitx tkun differenti mingħajr id-difett proċedurali invokat ([153]). Madankollu, iddikjarat ukoll li l-applikant għal rieżami ġudizzjarju ma jistax ikun meħtieġ jipprovdi rabta kawżali bejn id-difett proċedurali u d-deċiżjoni kkontestata ([154]). Minflok, kienet responsabbiltà tal-oħrajn li jipprovdu evidenza li d-difett proċedurali ma kien iġib ebda differenza fl-eżitu. ([155])

### 4.3. Sospensjoni, revoka jew tħassir ta' deċiżjonijiet jew ta' atti irregolari, inkluża d-diżapplikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-atti regolatorji

*Il-qrati nazzjonali jridu jikkunsidraw it-teħid ta' miżuri ġenerali jew partikolari biex jindirizzaw nuqqas ta' konformità mal-liġi ambjentali tal-UE. Dawn jista' jkollhom bżonn jinkludu s-sospensjoni, ir-revoka jew it-tħassir ta' deċiżjonijiet jew ta' atti irregolari, u d-diżapplikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-atti regolatorji.*

159. F'*Wells*, li kienet tikkonċerna l-għoti ta' kunsens għal operazzjonijiet ta' tħaffir mingħajr ma l-ewwel saret valutazzjoni tal-impatt ambjentali, il-QtĠ qieset il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu għar-rimedju tan-nuqqas ta' twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali. Iddikjarat li "*l-awtoritajiet kompetenti huma obbligati jieħdu, fi ħdan l-isfera tal-kompetenza tagħhom, il-miżuri ġenerali jew partikolari kollha biex jirrimedjaw in-nuqqas ta' twettiq ta' valutazzjoni tal-effetti ambjentali ta' proġett*" ([156]). Innutat ukoll li "*hu f'idejn il-qorti nazzjonali li tiddetermina jekk hux possibbli skont il-liġi domestika li kunsens mogħti diġà jiġi rrevokat jew sospiż sabiex il-proġett jiġi soġġett għal valutazzjoni tal-effetti ambjentali tiegħu*" ([157]). Il-QtĠ rat is-sospensjoni jew ir-revoka tal-kunsens ikkontestat bħala pass lejn l-ilħiq ta' rekwiżit omess, jiġifieri t-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali ([158]).

160. F'*Boxus*, u f'*Sovay*, il-QtĠ qieset kif qorti nazzjonali jenħtieġ li tindirizza sitwazzjoni li fiha l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tissodisfax il-kriterji għall-ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. Iddikjarat li jenħtieġ li l-qorti nazzjonali tkun lesta li tinjora l-leġiżlazzjoni żbaljata ([159]). Fi *Stadt Wiener Neustadt* il-QtĠ qieset li leġiżlazzjoni nazzjonali li tista' tiffrustra l-possibbiltà li jinkiseb rimedju effettiv tat-tip imsemmi f'*Wells* kienet inkompatibbli mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE ([160]). Kien f'idejn il-qorti nazzjonali li tiżgura dan ([161]).

*Ċerti qrati nazzjonali għandhom is-setgħa li jillimitaw l-effetti tat-tħassir tal-atti regolatorji li jinstabu li jmorru kontra l-liġi ambjentali tal-UE. Madankollu, din is-setgħa tista' tiġi eżerċitata biss jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet stringenti.*

161. Meta ksur tal-liġi ambjentali tal-UE jeħtieġ it-tħassir ta' atti regolatorji (f'konformità mas-setgħat mogħtija lill-qrati mil-liġi nazzjonali), il-qorti nazzjonali tista' taffaċċja dilemma: kif tillimita kwalunkwe effett ambjentali mhux mixtieq ikkaġunat mit-tħassir innifsu, speċjalment meta se jkun għadda ċertu żmien qabel ma jkunu jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet sostituti? Il-QtĠ stabbilixxiet kriterji għall-indirizzar ta' din il-kwistjoni f'*Inter-Environnement Wallonie* ([162]), li kienet tikkonċerna programm ta' azzjoni legalment żbaljat dwar in-nitrati, u f'*Association France Nature Environnement* ([163]), li kienet tikkonċerna digriet legalment żbaljat dwar il-valutazzjoni strateġika tal-impatt ambjentali. Ikkonfermat li qorti nazzjonali hi intitolata tillimita l-effetti legali ta' tħassir, dment li tali limitazzjoni tkun iddettata minn kunsiderazzjoni prevalenti marbuta mal-ħarsien tal-ambjent.

([152]) C-72/12 *Altrip*, paragrafu 49.
([153]) C-72/12 *Altrip*, paragrafu 51.
([154]) C-72/12 *Altrip*, paragrafi 52-54.
([155]) Madankollu, il-possibbiltà li jiġu injorati difetti proċedurali minuri għall-fini ta' rimedji effettivi ma tipprekludix lil imħallef milli jiddikjara li seħħ difett proċedurali.
([156]) Il-Kawża C-201/02 *Wells*, paragrafu 65.
([157]) Il-Kawża C-201/02 *Wells*, paragrafu 69.
([158]) Il-Kawża C-201/02 *Wells*, paragrafu 60.
([159]) Il-Kawżi Magħquda C-128/09 sa C-131/09, C-134/09 u C-135/09 *Boxus*, paragrafu 57; u l-Kawża C-182/10 *Solvay u oħrajn*, paragrafu 52.
([160]) Il-Kawża C-348/15 *Stadt Wiener Neustadt*, paragrafi 45 sa 48.
([161]) Il-Kawża C-348/15 *Stadt Wiener Neustadt*, paragrafu 31.
([162]) Il-Kawża C-41/11 *Inter-Environnement Wallonie*.
([163]) Il-Kawża C-379/15 *Association France Nature Environnement*.

162. Madankollu, is-setgħa tal-qorti nazzjonali li tillimita l-effetti tat-tħassir tista' tiġi eżerċitata biss jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet ([164]):

— id-dispożizzjoni kkontestata tal-liġi nazzjonali tikkostitwixxi miżura li tittrasponi korrettament id-dritt tal-UE dwar il-ħarsien tal-ambjent;

— l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjoni ġdida tal-liġi nazzjonali ma jagħmluhiex possibbli li jiġu evitati l-effetti ta' ħsara lill-ambjent li jirriżultaw mit-tħassir tad-dispożizzjoni kkontestat tal-liġi nazzjonali;

— it-tħassir ikollu l-istess effett bħall-ħolqien ta' vojt ġuridiku rigward it-traspożizzjoni li jkun ta' ħsara ikbar għall-ambjent, fis-sens li t-tħassir jirriżulta f'inqas protezzjoni;

— l-effetti ta' dispożizzjoni kkontestata miżmuma fis-seħħ b'mod eċċezzjonali idumu biss għall-perjodu strettament neċessarju sabiex jiġu adottati miżuri għar-rimedju tal-irregolarità.

### 4.4. **Struzzjonijiet dwar il-miżuri omessi li jridu jiġu adottati**

*L-awtoritajiet amministrattivi kompetenti jridu jikkunsidraw it-teħid ta' miżuri ġenerali jew partikolari biex jindirizzaw nuqqas ta' konformità mal-liġi ambjentali tal-UE. Jekk jonqsu milli jagħmlu dan, hu f'idejn il-qorti nazzjonali li jkollha ġurisdizzjoni li tieħu kwalunkwe miżura neċessarja.*

163. F'*Janecek* ([165]), il-QtĠ ikkunsidrat in-nuqqas ta' awtorità pubblika milli tadotta pjan ta' azzjoni legalment meħtieġ dwar it-tniġġis tal-arja sabiex tindirizza problema ta' livelli għolja ta' materja partikolata, u kkonfermat li qorti nazzjonali tista' titlob lill-awtorità pubblika tadotta pjan bħal dan. Għalhekk, din il-kawża tindika r-rwol tal-qrati nazzjonali fl-ordni tal-adozzjoni ta' miżuri omessi.

164. *Janecek* ([166]) u *Client Earth* ([167]) u *Altrip* ([168]) ilkoll imorru lil hinn, u jindikaw li r-rwol tal-qorti nazzjonali jestendi għall-ivverifikar tal-kontenut tad-deċiżjonijiet u tal-atti biex jiżguraw li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-dritt tal-UE. Għaldaqstant, bħala korollari, ir-rimedji effettivi jridu jinkludu passi li jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-kontenut, pereżempju struzzjoni li teħtieġ li jiġi rivedut pjan ta' azzjoni diġà adottat dwar il-kwalità tal-arja ([169]).

### 4.5. **Ir-rimedjar ta' ħsara irregolari kkawżata minn deċiżjoni, minn att jew minn omissjoni irregolari**

*Jenħtieġ li r-rimedji jinkludu miżuri mmirati sabiex jirrimedjaw il-ħsara irregolari kkawżata minn deċiżjoni, minn att jew minn omissjoni irregolari. Hemm bżonn li dawn il-miżuri jkopru kemm kumpens għall-ħsara finanzjarja kif ukoll rimedju għall-ħsara ambjentali irregolari.*

165. Sakemm issir il-kontestazzjoni legali ta' deċiżjoni, ta' att jew ta' omissjoni, jista' jkun li diġà tkun laħqet seħħet il-ħsara. F'*Wells*, il-QtĠ iddikjarat li Stat Membru hu meħtieġ jirrimedja kwalunkwe ħsara kkawżata minn nuqqas ta' konformità mal-liġi ambjentali tal-UE ([170]). F'dak il-każ, il-QtĠ semmiet kontribuzzjoni finanzjarja għar-rikorrent ambjentali. Madankollu, kif jista' jiġi osservat mill-ġurisprudenza sussegwenti, b'mod partikolari fi *Grüne Liga Sachsen* ([171]), il-possibbiltà ta' rimedju testendi wkoll għall-ambjent innifsu — b'mod partikolari meta l-konformità mar-rekwiżit miksur kienet tkun tinvolvi l-evitar jew l-ikkumpensar għall-ħsara ambjentali.

#### 4.5.1. ***Kumpens għall-ħsara finanzjarja***

*Skont il-kuċett ta' responsabbiltà tal-istat, ksur tar-rekwiżiti tal-liġi ambjentali tal-UE jista' jagħti lill-pubbliku kkonċernat dritt għal kumpens għall-ħsara finanzjarja. Hu f'idejn il-qrati nazzjonali li jiddeterminaw jekk humiex issodisfati t-tliet kundizzjonijiet għar-responsabbiltà tad-dritt tal-UE li għalih hu soġġett id-dritt għal kumpens.*

([164]) Il-Kawża C-379/15 *Association France Nature Environnement*, paragrafu 38.
([165]) Il-Kawża C-237/07 *Janecek*, paragrafi 39-42.
([166]) Il-Kawża C-237/07 *Janecek*, paragrafu 46.
([167]) Il-Kawża 404/13 *Client Earth*, paragrafu 58. F'dan il-każ, meta l-kuntest kien jinvolvi valuri ta' limitu vinkolanti dwar il-kwalità tal-arja skont id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja, 2008/50/KE, il-QtĠ iddikjarat li *"meta Stat Membru ma jkunx osserva r-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50, filwaqt li ma jkunx talab il-posponiment tat-terminu taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 22 ta' din id-direttiva, hija l-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni, li tiġi eventwalment adita, li għandha tieħu kwalunkwe miżura neċessarja, bħal ordni, fil-konfront tal-awtorità nazzjonali, bil-għan li din l-awtorità tistabbilixxi l-pjan li teżiġi l-imsemmija direttiva taħt il-kundizzjonijiet previsti minnha"*
([168]) Il-Kawża C-72/12 *Altrip*.
([169]) Ara n-nota 163 f'qiegħ il-paġna.
([170]) Il-Kawża C-201/02 *Wells*, paragrafu 66.
([171]) Il-Kawża C-399/14 *Grüne Liga Sachsen*.

166. F'*Leth*, li kienet tikkonċerna talba għal kumpens għal devalwazzjoni allegata tal-proprjetà li tirriżulta mill-espansjoni ta' ajruport mingħajr valutazzjoni tal-impatt ambjentali, il-QtĠ xeħtet dawl fuq il-possibbiltà li jinkiseb kumpens finanzjarju għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' rekwiżit tal-liġi ambjentali tal-UE. Ikkonfermat li l-prevenzjoni ta' ħsara finanzjarja kienet koperta mill-objettiv ta' protezzjoni segwit mid-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u li kien f'idejn l-ordinament ġuridiku domestiku ta' kull Stat Membru li jipprovdi regoli proċedurali dettaljati li jkopru t-talbiet għal kumpens, soġġetti għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effikaċja ([172]). Fakkret fil-ġurisprudenza stabbilita li tistabbilixxi kunċett ta' responsabbiltà tal-istat li skont dan, persuni li saritilhom ħsara għandhom dritt għal kumpens jekk ikunu ssodisfati tliet kundizzjonijiet:

— l-istat tad-dritt tal-Unjoni Ewropea jrid ikun jagħtihom drittijiet;

— il-ksur tar-regola jrid ikun serju biżżejjed; u

— irid ikun hemm rabta kawżali bejn dak il-ksur u t-telf jew ħsara mġarrba mill-individwi ([173]).

Saħqet li n-natura tar-regola miksura trid tittieħed f'kunsiderazzjoni, filwaqt li ddubitat li n-nuqqas ta' twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali jista' minnu nnifsu jikkostitwixxi r-raġuni għat-tnaqqis fil-valur ta' proprjetà ([174]). Ikkonfermat ukoll li l-kwistjoni ta' jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet għall-kumpens kienet f'idejn il-qorti nazzjonali.

167. Ir-raġunar wara s-sentenza f'*Leth* japplika għal ksur ieħor tal-liġi ambjentali tal-UE fejn il-leġiżlazzjoni inkwistjoni għandha l-għan li tħares jew tagħti drittijiet individwali, inklużi drittijiet ta' aċċess għall-ġustizzja.

### 4.5.2. ***L-indirizzar ta' ħsara ambjentali irregolari***

168. Fi *Grüne Liga Sachsen*, il-QtĠ ġiet ippreżentata b'mistoqsijiet ta' interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE, f'sitwazzjoni li fiha diġà kien inbena pont f'sit protett skont dik id-direttiva mingħajr ma qabel kienu ġew adottati s-salvagwardji neċessarji. Il-QtĠ effettivament kienet teħtieġ li s-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod retrospettiv b'tali mod li kien jikkorrispondi bl-eqreb mod possibbli għal dik li fiha kien ikun proġett mhux eżegwit. Kundizzjonijiet simili kellhom jiġu ssodisfati *mutatis mutandis*. B'hekk, l-impatt tal-pont kellu jiġi vvalutat kif xieraq, u anki l-possibbiltà ta' tkissir tal-pont ġiet ikkunsidrata bħala soluzzjoni possibbli għall-prevenzjoni tal-ħsara ([175]). Barra minn hekk, mis-sentenza jista' jiġi dedott li hemm bżonn li jiġi pprovdut kumpens għal kwalunkwe ħsara irregolari li diġà tkun saret għas-sit protett ([176]).

169. Kwalunkwe ħsara ambjentali trid tiġi indirizzata b'mod effettiv li hu konformi mal-objettivi tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE kkonċernata ([177]).

## 4.6. **Miżuri interim**

| |
|---|
| *Qorti nazzjonali li tittratta tilwima rregolata mil-liġi ambjentali tal-UE trid tkun f'pożizzjoni li tordna miżuri interim.* |

170. Miżuri interim — imsejħin *"rimedju b'mandat ta' inibizzjoni"* fl-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus — jippermettu lil qorti tordna li deċiżjoni jew att ikkontestati ma jiġux implimentati jew li tittieħed xi miżura pożittiva qabel ma l-qorti taqta' s-sentenza finali tagħha. L-għan hu li tiġi evitata ħsara li tirriżulta minn deċiżjoni jew minn att li finalment jistgħu jkunu irregolari.

171. Fi *Križan*, li kienet tikkonċerna permess għal miżbla, il-QtĠ ġiet mistoqsija jekk id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja ta' dik li llum hi d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE, kinux jippermettu għat-teħid ta' miżuri interim (minkejja li din ma ssemmihomx speċifikament). Iddikjarat li *"l-eżerċizzju tal-azzjoni prevista fl-Artikolu 15a tad-Direttiva 96/61 [dak iż-żmien] ma jippermettix li dan it-tniġġis jiġi pprevenut effettivament jekk ikun impossibbli li jiġi evitat li installazzjoni li għaliha kien inħareġ permess mogħti bi ksur ta' din id-direttiva tkompli tiffunzjona sakemm tingħata deċiżjoni definittiva dwar il-legalità ta' dan il-permess. Isegwi li l-garanzija tal-effettività tad-dritt li tiġi*

([172]) Il-Kawża C-420/11 *Leth*, paragrafi 36 u 38.
([173]) Il-Kawża C-420/11 *Leth*, paragrafu 41.
([174]) Il-Kawża C-420/11 *Leth*, paragrafu 46.
([175]) Il-Kawża C-399/14 *Grüne Liga Sachsen*, paragrafu 75.
([176]) Dan għaliex il-QtĠ kienet teħtieġ li l-futur tal-pont jiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, 92/43/KEE. Dan jeħtieġ miżuri ta' kumpens jekk il-proġett li jagħmel il-ħsara tħalla jipproteġi fuq il-bażi ta' nuqqas ta' soluzzjonijiet alternattivi u interess pubbliku prevalenti.
([177]) Ara wkoll il-Kawża C-104/15 *Il-Kummissjoni* vs *Ir-Rumanija*, paragrafu 95, fir-rigward tal-importanza tat-teħid f'kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tar-riżultati meta jiġi indirizzat nuqqas ta' konformità. Din il-kawża kienet tikkonċerna l-Artikoli 4 u 13(2) tad-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni, 2006/21/KE.

*eżerċitata l-azzjoni prevista fl-Artikolu 15a teżiġi li l-membri tal-pubbliku kkonċernat ikollhom id-dritt li jitolbu lill-qorti jew lill-korp indipendenti u imparzjali kompetenti jadotta miżuri provviżorji ta' natura li jipprevjenu dan it-tniġġis, inkluża, jekk ikun il-każ, is-sospensjoni temporanja tal-permess ikkontestat*" ([178]).

172. Fi *Križan*, il-QtĠ fakkret ukoll li l-possibbiltà ta' miżuri interim hi rekwiżit ġenerali tal-ordinament ġuridiku tal-UE. Fin-nuqqas ta' regoli tal-UE, u f'konformità mal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, hu f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet dettaljati għall-għoti ta' miżuri interim.

173. Il-QtĠ innifisha ddefinixxiet il-krierji għat-teħid ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal miżuri interim meta jkollha ġurisdizzjoni hi stess. L-ordnijiet li għamlet, inkluż fil-qasam tal-liġi ambjentali tal-UE, jirreferu għall-bżonn li l-QtĠ tiġi ppreżentata b'każ *prima facie*, bl-urġenza tal-kwistjoni u bil-bilanċ tal-interessi ([179]).

## 5. SPEJJEŻ

### 5.1. **Introduzzjoni**

*L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-proċeduri ta' rieżami ġudizzjarju għall-kontestazzjoni ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet relatati mal-liġi ambjentali tal-UE mhumiex għaljin b'mod projbittiv.*

174. L-ispejjeż ta' proċedura ta' rieżami ġudizzjarju jippreżentaw deterrent qawwi potenzjali għall-preżentazzjoni ta' kawżi quddiem qorti nazzjonali. Dan hu partikolarment minnu f'kawżi ambjentali, li spiss jinfetħu biex iħarsu l-interessi pubbliċi ġenerali u mingħajr ebda skop ta' qligħ finanzjarju. Tabilħaqq, wara li jiżen il-benefiċċji potenzjali ta' litigazzjoni kontra r-riskju li jġarrab spejjeż għaljin għal-litigazzjoni, il-pubbliku kkonċernat jista' jżomm lura milli jfittex rieżami ġudizzjarju anki f'każijiet iġġustifikati sew.

175. Biex tindirizza l-effett dissważiv potenzjali tal-ispejjeż, fl-Artikolu 9(4) tagħha l-Konvenzjoni ta' Aarhus tipprovdi li l-proċeduri ta' rieżami koperti mill-Artikolu 9(1), (2) u (3) "*m'għandhomx*" ikunu għaljin b'mod projbittiv. Peress li hi rekwiżit awżiljari għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1), (2) u (3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, id-dispożizzjoni dwar l-ispejjeż tal-Artikolu 9(4) hi rilevanti għat-tipi differenti ta' kontestazzjonijiet legali relatati mal-liġi ambjentali tal-UE li jkopru dawn id-dispożizzjonijiet ([180]).

176. Ċerti direttivi tal-UE jinkludu rekwiżit espliċitu fuq l-ispejjeż fuq il-bażi tat-test tal-Artikolu 9(4) ([181]). Hemm ġurisprudenza eżistenti tal-QtĠ li tinterpreta d-dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE ([182]), li t-tnejn huma bbażati fuq id-dispożizzjoni dwar l-ispejjeż tal-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

177. Barra minn hekk, f'*Edwards u Pallikaropoulos*, il-QtĠ iddikjarat li r-rekwiżit li l-ispiża ta' proċedura jenħtieġ li ma tkunx għalja wisq "*jikkontribwixxi, fil-qasam tal-ambjent, għall-osservanza tad-dritt għal rimedju effettiv, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll għall-prinċipju ta' effettività li jipprovdi li l-modalitajiet proċedurali ta' azzjonijiet intiżi sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet li l-individwi għandhom bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni ma għandhomx jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.*" ([183]). Għalhekk, reġim tal-ispejjeż irid jissawwar b'tali mod li jiggarantixxi li d-drittijiet mogħtija mill-UE jistgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv.

178. F'dan ir-rigward, il-QtĠ żviluppat numru ta' kriterji mmirati biex jevitaw milli l-ispejjeż tal-litigazzjoni jsiru għaljin b'mod projbittiv.

---

([178]) Il-Kawża C-416/10 *Križan*, paragrafu 109.

([179]) Ara pereżempju *Il-Kummissjoni* vs *Malta*, C-76/08 R. Il-punt 21 jiddikjara li: "*Hija l-ġurisprudenza stabbilita li l-imħallef li jisma' applikazzjoni għal miżuri interim jista' jordna rimedju interim biss jekk ikun stabbilit li tali ordni hi ġġustifikata, prima facie, fil-fatt u fil-liġi u li hi urġenti għaliex, biex tiġi evitata ħsara serja u irrekuperabbli lill-interessi tal-applikant, din trid issir u trid tipproduċi l-effetti tagħha qabel ma tintlaħaq deċiżjoni fil-kawża ewlenija. Meta xieraq, l-imħallef li jisma' applikazzjoni bħal din irid jiżen l-interessi involuti (ara, fost l-oħrajn, l-ordni fil-Kawża C-404/04 P-R Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni [2005] Ġabra I-3539, paragrafu 10, u l-kawża ċċitata)*". Il-Punt 22 jiddikjara li "*[l-]kundizzjonijiet imposti b'riżultat ta' dan huma kumulattivi, b'tali mod li applikazzjoni għal miżuri interim trid tiġi injorata jekk waħda minnhom ma tiġix issodisfata (ara, fost l-oħrajn, Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni, paragrafu 11, u l-kawża ċċitata).*"

([180]) Ara wkoll il-Kawża C-268/06 *Impact*, paragrafu 51.

([181]) L-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE; L-Artikolu 25(4) tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE; u l-Artikolu 23 tad-Direttiva Seveso III, 2012/18/UE.

([182]) Il-Kawża C-427/07 *Il-Kummissjoni* vs *L-Irlanda*; C-260/11 *Edwards u Pallikaropoulos*; u l-Kawża C-530/11 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*.

([183]) Il-Kawża C-260/11 *Edwards u Pallikaropoulos*, paragrafu 33.

### 5.2. **Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk l-ispejjeż humiex projbittivi**

*Ir-rekwiżit li l-proċeduri ta' rieżami ġudizzjarju ma jkunux għaljin b'mod projbittiv hu soġġett għall-interpretazzjoni fil-livell tal-UE. Hu relatat mal-ispejjeż kollha tal-parteċipazzjoni fi proċedura, inklużi garanziji finanzjarji li rikorrent jintalab jipprovdi, u japplika għall-istadji ġudizzjarji kollha. Ir-rikorrenti huma intitolati għal prevedibbiltà raġonevoli fir-rigward tal-esponiment tagħhom għall-ispejjeż. Meta qorti nazzjonali tingħata s-setgħa li tiddetermina xi spejjeż jenħtieġ li jħallas rikorrent li ma jirbaħx il-kawża, din tista' tieħu kont ta' kunsiderazzjonijiet soġġettivi relatati mar-rikorrent filwaqt li tiżgura wkoll li l-ispejjeż ma jkunux oġġettivament irraġonevoli.*

(a) *Qrati nazzjonali u dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż*

179. L-Artikolu 3(8) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jipprovdi li s-setgħat tal-qrati nazzjonali li jordnaw kumpens għal spejjeż raġonevoli fi proċedimenti ġudizzjarji m'għandhomx ikunu affettwati. Il-ġurisprudenza tal-QtĠ tikkonferma wkoll li d-dispożizzjoni dwar l-ispejjeż ma tipprevjenix lill-qrati nazzjonali milli jagħmlu ordnijiet dwar l-ispejjeż ([184]).

180. Madankollu, skont l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-ispejjeż ma jistgħux ikunu projbittivi. F'dan ir-rigward, il-QtĠ ikkonfermat li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' spejjeż "*projbittivi*" ma jistax ikun kwistjoni li titħalla għal-liġi nazzjonali biss, u li, fl-interessi ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE u tal-prinċipju ta' ugwaljanza, dan irid jingħata interpretazzjoni awtonoma u uniformi madwar l-Unjoni Ewropea ([185]).

181. Hi osservat li r-rekwiżit fid-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u fid-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE, li skont dawn il-proċeduri ma jistgħux ikunu għaljin b'mod projbittiv, "*jimplika li l-persuni hemm previsti ma jkunux preklużi milli jressqu jew ikomplu b'azzjoni ġudizzjarja li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-artikoli minħabba l-ispiża finanzjarja li tista' tirriżulta minnha.*" ([186])

182. Il-QtĠ ħarset lejn kif il-kundizzjoni dwar l-ispejjeż hi mnaqqxa fil-liġi nazzjonali. Il-QtĠ iddikjarat li t-traspożizzjoni ([187]) jenħtieġ li tiżgura għar-rikorrent prevedibbiltà raġonevoli kemm fir-rigward ta' jekk l-ispejjeż tal-proċedimenti ġudizzjarji li jkun involut fihom huma pagabbli minnu kif ukoll fir-rigward tal-ammont ta' dawn ([188]).

183. Il-QtĠ iddikjarat li l-kundizzjoni dwar l-ispejjeż trid tiġi interpretata fil-kuntest tal-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fi proċedimenti ġudizzjarji ([189]). Għalhekk, irid jittieħed kont tal-ispejjeż kollha mġarrba mill-parti kkonċernata, bħall-ispejjeż tar-rappreżentanza legali, tal-miżati tal-qorti, u tal-ispejjeż tal-evidenza u tal-miżati tal-perizji.

184. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-miżuri interim, il-QtĠ iċċarat li d-dispożizzjoni dwar l-ispejjeż tapplika wkoll għal spejjeż finanzjarji li jirriżultaw minn miżuri li l-qorti nazzjonali tista' timponi bħala kundizzjoni għall-għoti ta' miżuri interim fil-kuntest ta' tilwimiet li jirriżultaw mid-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE u mid-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE. ([190]) B'mod iktar speċifiku, ħarset lejn l-ispejjeż relatati mal-garanziji finanzjarji (bħal bonds jew kontroimpenji fi ħsarat) li rikorrent jintalab jipprovdi biex jikkumpensa għad-dewmien fi proġett li jirriżulta minn kontestazzjoni legali li ma tirnexxix. Min-naħa l-oħra, iddikjarat li r-rekwiżit li l-proċedimenti ma jkunux għaljin b'mod projbittiv ma jistax jiġi interpretat bħala wieħed li jipprekludi b'mod immedjat l-applikazzjoni ta' garanzija finanzjarja meta l-garanzija tkun stabbilita bil-liġi nazzjonali ([191]). Min-naħa l-oħra, indikat li "*hija l-qorti li tiddeċiedi fuq dan is-suġġett li għandha tiżgura li r-riskju finanzjarju li jirriżulta għar-rikorrent ikun ukoll inkluż fid-diversi spejjeż iġġenerati mill-każ meta din il-qorti tevalwa jekk l-ispiża tal-proċedura hijiex projbittiva.*" ([192])

185. Kriterju ieħor hu relatat mal-istanzi ġudizzjarji li għalihom tapplika d-dispożizzjoni dwar l-ispejjeż. Il-QtĠ iċċarat li hi applikabbli fl-istadji kollha tal-proċedimenti, jiġifieri mhux biss fl-istadju tal-proċedimenti tal-ewwel istanza, iżda anki fl-istadji ta' appell jew tat-tieni appell ([193]).

([184]) Il-Kawża C-427/07 *Il-Kummissjoni* vs *L-Irlanda*, paragrafu 92.
([185]) Il-Kawża C-260/11 *Edwards u Pallikaropoulos*, paragrafi 29-30.
([186]) Il-Kawża C-260/11 *Edwards u Pallikaropoulos*, paragrafu 35.
([187]) Il-ġurisprudenza tikkonċerna d-dispożizzjoni dwar l-ispejjeż kif stabbilita fid-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE, u fid-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, 2010/75/UE, li huma soġġetti għad-dmir ta' traspożizzjoni applikabbli għad-direttivi.
([188]) Il-Kawża C-530/11 *Il-Kummissjoni* vs *Ir-Renju Unit*, paragrafu 58.
([189]) Il-Kawża C-427/07 *Il-Kummissjoni* vs *L-Irlanda*, paragrafu 92.
([190]) Il-Kawża C-530/11 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*, paragrafu 66. B'analoġija, dan hu rilevanti wkoll għad-Direttiva Seveso III, 2012/18/UE.
([191]) Il-Kawża C-530/11 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*, paragrafu 67.
([192]) Il-Kawża C-530/11 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*, paragrafu 68.
([193]) Il-Kawża C-260/11 *Edwards u Pallikaropoulos*, paragrafi 45 u 48.

(b) *L-applikazzjoni tal-"prinċipju li min jitlef iħallas" u approċċi oħra ta' allokazzjoni tal-ispejjeż meta tittieħed deċiżjoni dwar l-ispejjeż*

186. Il-QtĠ indirizzat kif jenħtieġ li l-qrati nazzjonali japplikaw il-"prinċipju ta' min jitlef iħallas" meta tagħmel ordnijiet dwar l-ispejjeż fir-rigward ta' rikorrenti ambjentali li jitilfu l-kawża. Skont dan il-prinċipju, qorti nazzjonali tista' tordna lill-parti li titlef kawża sabiex iġġarrab il-piż sħiħ tal-ispejjeż tal-proċedura, inklużi l-ispejjeż tal-parti opposta. Il-ġurisprudenza tistabbilixxi li, fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż tal-qorti nazzjonali, kemm il-kunsiderazzjonijiet soġġettivi kif ukoll dawk oġġettivi huma rilevanti. Il-ġurisprudenza tiċħad ukoll il-proposta li, għaliex rikorrent jagħmel kontestazzjoni legali, l-ispejjeż żgur li ma kinux projbittivi għalih ([194]).

187. L-elementi soġġettivi jinkludu:

— is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna kkonċernata;

— jekk ir-rikorrent għandux prospettiva raġonevoli ta' suċċess;

— l-importanza ta' x'inhu inkwistjoni għar-rikorrent u għall-ħarsien tal-ambjent;

— il-kumplessità tal-liġi u tal-proċedura rilevanti u

— in-natura potenzjalment frivola tat-talba fid-diversi stadji tagħha ([195]).

188. Apparti l-kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni individwali tal-applikant (it-test soġġettiv) u l-fatti individwali tal-każ, jenħtieġ li qorti nazzjonali tapplika test oġġettiv immirat sabiex jiżgura li l-ispejjeż ma jkunux oġġettivament irraġonevoli. Il-QtĠ saħqet dan fil-kuntest ta' membri tal-pubbliku u tal-assoċjazzjonijiet tagħhom li jkollhom rwol attiv x'jaqdu fid-difiża tal-ambjent ([196]). Għalhekk, l-ispejjeż tal-proċedimenti la jridu jaqbżu r-riżorsi finanzjarji tal-persuna kkonċernata u lanqas ma jidhru, b'xi mod, li huma oġġettivament irraġonevoli ([197]).

189. Meta japplika l-prinċipju ta' min jitlef iħallas, jista' jkun siewi li jintuża approċċ ta' allokazzjoni tal-ispejjeż li jinvolvi l-limitar tal-ispejjeż. Dan jipprovdi prevedibbiltà ikbar — u kontroll ikbar — fuq l-esponiment għall-ispejjeż. Jinvolvi mekkaniżmu — l-ordni protettiva tal-ispejjeż — li bih mill-bidu nett tal-proċedimenti jiġi stabbilit limitu dwar kemm rikorrent se jkollu jħallas spejjeż jekk jitlef — u, fil-limitar reċiproku tal-ispejjeż, kemm mill-ispejjeż jista' jirkupra jekk jirbaħ. B'limitar unidirezzjonali tal-ispejjeż, l-ispejjeż li jridu jiġġarrbu minn rikorrent jekk jitlef il-kawża huma limitati għal ċertu ammont, u b'hekk tiżdied il-prevedibbiltà tar-riskju finanzjarju. Madankollu, b'limitar reċiproku tal-ispejjeż, ir-responsabbiltà tal-awtorità pubblika li tħallas lil rikorrent li jirbaħ tiġi limitata wkoll u kwalunkwe eċċess ikollu jiġġarrab mir-rikorrent waħdu.

190. Il-QtĠ ikkunsidrat sistema ta' limitar tal-ispejjeż f'*Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*, filwaqt li osservat li, fil-prinċipju, il-possibbiltà għall-qorti li tisma' kawża li tagħti ordni protettiva tal-ispejjeż tiżgura prevedibbiltà ikbar rigward l-ispejjeż tal-proċedimenti u tikkontribwixxi għall-konformità mar-rekwiżit dwar l-ispejjeż projbittivi ([198]). Madankollu, ikkunsidrat li diversi karatteristiċi speċifiċi tas-sistema ta' limitar tal-ispejjeż tal-Istati Membri — bin-nuqqas ta' obbligu ta' għoti ta' protezzjoni meta l-ispiża tal-proċedimenti tkun oġġettivament irraġonevoli u l-esklużjoni ta' protezzjoni meta jkun involut biss l-interess partikolari tar-rikorrent — fissru li ma kinitx tipprovdi metodu li seta' jissodisfa r-rekwiżit li l-ispejjeż ma jkunux projbittivi.

191. Ir-raġunar li l-QtĠ applikat għal sistema speċifika ta' limitar tal-ispejjeż f'*Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit* hu rilevanti b'analoġija għal approċċi oħra għall-allokazzjoni tal-ispejjeż. B'hekk, meta qorti nazzjonali tgawdi minn diskrezzjoni biex tordna lil kull parti, inkluż lir-rikorrent li jirbaħ il-kawża, tħallas l-ispejjeż tagħha stess (allokazzjoni tal-ispejjeż dahar ma' dahar), hemm bżonn li tieħu kont tal-kriterju tal-QtĠ li l-ispiża tal-proċedimenti ma tkunx oġġettivament irraġonevoli. L-istabbiliment li rikorrent ambjentali jkollu jħallas għall-ispejjeż tiegħu anki jekk jirbaħ kawża jista' jiġi argumentat li hu irraġonevoli u inkonsistenti b'mod inerenti mar-rekwiżiti tal-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus li l-proċeduri jridu jkunu ġusti u ekwitabbli.

192. Il-"qlib tal-ispejjeż b'mod unilaterali" hu approċċ għall-allokazzjoni tal-ispejjeż li bih rikorrent ambjentali jista' jirkupa l-ispejjeż tiegħu stess (bħal bil-prinċipju ta' min jitlef iħallas) iżda min ma jirbaħx jiffranka milli jkollu

([194]) Il-Kawża C-260/11 *Edwards u Pallikaropoulos*, paragrafu 43.
([195]) Il-Kawża C-260/11 *Edwards u Pallikaropoulos*, paragrafu 42.
([196]) Il-Kawża C-260/11 *Edwards u Pallikaropoulos*, paragrafu 40.
([197]) Il-Kawża C-530/11 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*, paragrafu 47.
([198]) C-530/11 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*, paragrafu 54.

jħallas, b'mod sħiħ jew parzjali, l-ispejjeż tal-parti l-oħra. Il-qlib tal-ispejjeż jista' jestendi għall-ħlas mill-istat ta' parti mill-ispejjeż ta' rikorrent li jitlef il-kawża — bħal meta l-litigazzjoni titqies li tirrifletti interess pubbliku qawwi. B'hekk, il-qlib unilaterali tal-ispejjeż jista' jippreżenta karatteristiċi li jindirizzaw nuqqasijiet potenzjali ta' approċċi oħra ta' allokazzjoni tal-ispejjeż (f'termini tal-bżonn li l-ispejjeż ma jkunux oġġettivament irraġonevoli u f'termini tal-proċeduri li jenħtieġ li jkunu ġusti u ekwitabbli).

193. Ċerti reġimi ta' qlib tal-ispejjeż huma kundizzjonali biex jillimitaw l-użu tagħhom, bil-qorti nazzjonali inkarigata mill-allokazzjoni tal-ispejjeż li jkollha tapplika kriterji bħall-importanza tal-każ, l-impatt għall-ambjent, is-serjetà tal-ksur tal-liġi jew l-aġir tal-partijiet. Madankollu, diskrezzjoni li tkun wiesgħa wisq tista' ttellef il-prevedibbiltà tal-ispejjeż, aspett li l-ġurisprudenza tal-QtĠ tidentifika bħala wieħed importanti, speċjalment meta l-proċedimenti ġudizzjarji jinvolvu miżati għaljin tal-avukati. Dan jista' jwassal sabiex ir-reġim jonqos milli jissodisfa l-kriterju ġenerali li l-ispejjeż ma jkunux oġġettivament irraġonevoli ([199]).

### 5.3. **Għajnuna legali**

194. L-Artikolu 9(5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jeħtieġ li l-partijiet kontraenti jikkunsidraw l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' assistenza xierqa biex ineħħu jew inaqqsu ostakli finanzjarji oħrajn għall-aċċess għall-ġustizzja. Din id-dispożizzjoni ma teħtieġx li tiġi pprovduta skema ta' għajnuna legali u l-leġiżlazzjoni ambjentali sekondarja tal-UE ma ssemmix din il-kwistjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk ikollhomx skema ta' għajnuna legali li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-riskju tal-ispejjeż tal-litigazzjoni f'kawżi ambjentali. Madankollu, l-eżsitenza ta' reġim ta' għajnuna legali ma jistax minnu nnifsu juri li l-ispejjeż mhumiex projbittivi, jekk l-aċċess għall-għajnuna legali jkun jinvolvi test tal-mezzi u jkun miftuħ għall-individwi biss. Dan għaliex ir-rekwiżit li l-ispejjeż ma jistgħux ikunu projbittivi japplika għal individwi b'kapaċità li jħallsu kif ukoll għal assoċjazzjonijiet.

195. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 47(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali teħtieġ li "*[għandha] tingħata għajnuna legali lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja*". Din id-dispożizzjoni tħalli f'idejn l-Istati Membri għażla libera dwar il-mezzi li jridu jużaw sabiex jiggarantixxu għajnuna legali lil-litiganti biex jiżguraw li dawn igawdu minn dritt effettiv ta' aċċess għal qorti. B'hekk, l-Istati Membri huma ħielsa li jistitwixxu l-iskemi ta' għajnuna legali tagħhom b'mod li jqisu xieraq. L-eżempji jinkludu aċċess għal konsulenza qabel il-litigazzjoni, assistenza legali u rappreżentanza legali, u eżenzjoni mill-ispejjeż tal-proċedimenti, jew assistenza f'dawn. Id-dritt għall-għajnuna legali mhuwiex assolut u jista' jkun soġġett għal restrizzjonijiet, bħalma hu d-dritt ta' aċċess għal qorti. Għaldaqstant, l-Istati Membri se jkunu liberi li jimponu kundizzjonijiet dwar l-għoti tal-għajnuna legali, ibbażati fuq, pereżempju, il-prospettivi ta' suċċess ta' applikant fil-proċedimenti. Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx iċaħħdu lill-individwi mill- "aċċess prattiku u effettiv" għal qorti li huma intitolati għalih ([200]).

## 6. TERMINI PERENTORJI, TEMPESTIVITÀ U L-EFFIĊJENZA TAL-PROĊEDURI

*L-Istati Membri huma intitolati jeħtieġu li r-rikorrenti ambjentali japplikaw għal rieżami ġudizzjarju fi ħdan termini perentorji speċifikati li huma raġonevoli. Skont l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-proċeduri ta' rieżami ġudizzjarju jsiru b'mod tempestiv.*

196. Hemm numru ta' kunsiderazzjonijiet temporali li huma rilevanti għall-aċċess għall-ġustizzja ambjentali: rekwiżiti li r-rikorrenti ambjentali jridu jippreżentaw il-kontestazzjonijiet tagħhom sa termini perentorji speċifikati, u rekwiżiti li jenħtieġ li l-proċeduri ta' rieżami ġudizzjarju jsiru b'mod tempestiv.

197. Fi *Stadt Wiener Neustadt*, il-QtĠ ikkonfermat li hu kompatibbli mad-dritt tal-UE li jiġu stabbiliti termini perentorji raġonevoli għall-ftuħ ta' proċedimenti fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt. Dan jipproteġi kemm lill-individwu kif ukoll lill-awtorità amministrattiva kkonċernata ([201]).

198. It-tempestività tal-proċeduri tal-qorti hi garanzija importanti li r-rieżami ġudizzjarju se jkun effiċjenti. Kif xieraq, l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jeħtieġ li l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 9(1), (2) u (3) ikunu tempestivi.

199. Proċeduri tempestivi jservu għal diversi skopijiet. Jippermettu li tiġi pprovduta ċarezza tad-dritt u li jiġu solvuti kontestazzjonijiet legali, mingħajr dewmien żejjed. Proċeduri fit-tul għandhom tendenza li jiġġeneraw spejjeż ta' litigazzjoni ikbar, u b'hekk iżidu l-piż finanzjarju fuq il-partijiet għal tilwima legali; jistgħu jikkawżaw ukoll dewmien fi proġetti u f'attivitajiet ekonomiċi oħra li finalment jiġu kkonfermati bħala regolari. B'hekk, il-proċeduri tempestivi mhumiex biss fl-interess tar-rikorrenti ambjentali iżda tal-partijiet kollha għal tilwimiet legali, inklużi l-atturi ekonomiċi.

([199]) Il-Kawża C-530/11 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*, paragrafu 47.
([200]) Ara "Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali", l-Artikolu 47(3).
([201]) Il-Kawża C-348/15 *Stadt Wiener Neustadt*, paragrafu 41.

200. Ir-rekwiżit fl-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni li l-proċeduri jridu jkunu tempestivi mhuwiex ċar u mhux kondizzjonat biżżejjed biex ikun direttament applikabbli u, għalhekk, irid jiġi traspost fil-liġi nazzjonali sabiex jieħu effett.

201. Obbligu ġenerali biex jiġi żgurat tul raġonevoli tal-proċedimenti hu mnaqqax ukoll fl-Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dritt għal proċess ġust.

## 7. INFORMAZZJONI PRATTIKA

*Trid tiġi pprovduta informazzjoni prattika lill-pubbliku dwar l-aċċess għal proċeduri ta' rieżami ġudizzjarju.*

202. Skont l-Artikolu 9(5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-partijiet kontraenti "*għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tiġi pprovduta lill-pubbliku dwar l-aċċess għal […] proċeduri ta' rieżami ġudizzjarju*". L-obbligu li l-pubbliku jiġi informat dwar id-drittijiet tiegħu ta' aċċess għall-ġustizzja kien ikkunsidrat ukoll f'ċerta leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE li tittrasponi r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ([202]). L-obbligu li l-pubbliku jiġi informat japplika għal proċeduri skont l-Artikolu 9(1), (2) u (3) tal-Konvenzjoni.

203. B'referenza għall-obbligu li issa jinsab fl-Artikolu 11(5) tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE ([203]), fis-sentenza tagħha f'*Il-Kummissjoni vs L-Irlanda*, il-QtĠ saħqet li "*l-obbligu li l-pubbliku jingħata informazzjoni prattika dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' stħarriġ amministrattiv u ġudizzjarju […] għandu jiġi analizzat bħala obbligu li jinkiseb riżultat preċiż, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jintlaħaq*". ([204]) Iddikjarat ukoll li "*[fin-]nuqqas ta' dispożizzjonijiet legali jew regolamentari speċifiċi li jirrigwardaw l-informazzjoni fuq id-drittijiet mogħtija lill-pubbliku, il-fatt biss li jkunu disponibbli, permezz ta' pubblikazzjoni jew b'mezzi elettroniċi, ir-regoli dwar il-proċeduri ta' stħarriġ amministrattiv u ġudizzjarju kif ukoll l-aċċess possibbli għad-deċiżjonijiet tal-qrati ma jistgħux ikunu kkunsidrati li jiggarantixxu b'mod suffiċjentement ċar u preċiż li l-pubbliku interessat ikun f'pożizzjoni li jkun jaf id-drittijiet tiegħu għall-aċċess għall-ġustizzja fir-rigward tal-ambjent*" ([205])

204. L-Istati Membri għandhom diskrezzjoni wiesgħa f'kif jissodisfaw ir-rekwiżit. Madankollu, *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* tikkonferma li mhux biżżejjed li l-Istati Membri sempliċiment jibbażaw fuq il-pubblikazzjoni ta' regoli nazzjonali dwar l-aċċess għall-ġustizzja u fuq l-aċċessibilità tad-deċiżjonijiet tal-qrati reġjonali rilevanti. Ir-referenza tal-QtĠ għall-iżgurar li l-pubbliku kkonċernat jiġi mgħarraf dwar id-drittijiet tiegħu ta' aċċess għall-ġustizzja b'mod ċar u preċiż biżżejjed tindika l-bżonn li l-Istati Membri l-ewwel jikkunsidraw id-destinatarji tal-informazzjoni, it-tieni l-kontenut tal-informazzjoni u, it-tielet, il-mod kif jippreżentawha.

205. F'termini tad-destinatarji, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni tista' tilħaq lil pubbliku ġenerali u rappreżentattiv. Il-forniment ta' informazzjoni prattika fuq sit web biss jista' ma jkunx biżżejjed, għaliex sehem konsiderevoli tal-popolazzjoni jista' ma jkollux aċċess għal riżorsi bbażati fuq il-web. Filwaqt li hi għodda effettiva u effiċjenti, jenħtieġ li din tkun ikkomplimentata minn miżuri oħra.

206. F'termini tal-kontenut, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-proċedura ta' rieżami tinkludi l-aspetti rilevanti kollha biex tiġi ffaċilitata deċiżjoni ta' membru tal-pubbliku dwar jekk jiftaħx kawża l-qorti.

207. Jenħtieġ li l-informazzjoni tkun kompluta, preċiża u aġġornata ([206]), filwaqt li tixħet dawl fuq it-tibdiliet rilevanti li jseħħu b'rabta mal-proċeduri ta' rieżami. L-użu ta' informazzjoni skaduta jew qarrieqa jista' jkollu konsegwenzi serji u jenħtieġ li jkun hemm arranġamenti fis-seħħ biex dan jiġi evitat. Jenħtieġ li s-sorsi kollha tal-liġi użati għad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess ikunu koperti, inkluża ġurisprudenza nazzjonali meta din tkun taqdi rwol importanti.

208. Rigward il-mod kif għandha tiġi ppreżentata l-informazzjoni, jenħtieġ li l-informazzjoni tkun ċara u tinftiehem minn min mhuwiex avukat.

209. F'dan il-kuntest hu rilevanti wkoll l-Artikolu 3(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus li jipprovdi li kull parti "*għandha tippromwovi l-edukazzjoni ambjentali u s-sensibilizzazzjoni ambjentali fost il-pubbliku, speċjalment dwar kif jikseb aċċess għal informazzjoni, jieħu sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet u jikseb aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali*".

([202]) Pereżempju, l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, 2011/92/UE.
([203]) Preċedentement l-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 85/337/KEE.
([204]) Il-Kawża C-427/07 *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda*, paragrafu 97 (enfasi miżjuda).
([205]) Il-Kawża C-427/07 *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda*, paragrafu 98.
([206]) Ara wkoll l-informazzjoni disponibbli dwar l-aċċess għall-ġustizzja permezz tal-portal tal-ġustizzja elettronika, li trid tiġi aġġornata b'mod regolari mill-Istati Membri. https://e-justice.europa.eu/content_access_to_justice_in_environmental_matters-300-mt.do

## D. **KONKLUŻJONI**

210. L-analiżi turi li, kif interpretat il-QtĠ, ir-rekwiżiti eżistenti tal-acquis tal-UE, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mil-liġi ambjentali sekondarja u mill-impenji internazzjonali tal-UE, diġà jipprovdu qafas koerenti għall-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali. Ir-rekwiżiti eżistenti jindirizzaw l-aspetti ewlenin kollha tas-suġġett, filwaqt li jiżguraw li l-membri tal-pubbliku, inklużi l-NGOs ambjentali, ikunu intitolati jiftħu kawżi quddiem qrati nazzjonali u jkollhom dawk il-kawżi eżaminati kif suppost u ssoġġettati għal rimedji effettivi. Barra minn hekk, sentenzi suċċessivi maqtugħin tul l-aħħar deċennju juru l-importanza li l-QtĠ tagħti lill-qrati nazzjonali bħala mezz kif tiġi żgurata l-effikaċja tad-dritt tal-UE. Kawżi ppreżentati quddiem qrati nazzjonali mhumiex biss mezz ta' kontestazzjoni ta' deċiżjonijiet, ta' atti u ta' omissjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri fuq il-bażi tal-liġi ambjentali tal-UE. Permezz ta' referenzi preliminari skont l-Artikolu 267 tat-TFUE, dawn jagħmluha possibbli wkoll biex il-QtĠ tiġġudika fuq l-interpretazzjoni u fuq il-validità tal-atti tal-UE.

211. Din in-Notifika tiffaċilita l-aċċess għall-qrati nazzjonali billi tispjega u tinterpreta r-rekwiżiti legali eżistenti. B'dan il-mod, tikkontribwixxi għat-titjib tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Hi mmirata biex tgħin lill-Istati Membri, lill-qrati nazzjonali, lill-ġuristi u lill-pubbliku, u l-Kummissjoni se ssegwi b'interess kif dawn il-benefiċjarji fil-mira se jużawha, u kif l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali jevolvi madwar l-UE.

212. Ir-rwol tal-QtĠ se jibqa' fundamentali fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE rilevanti għall-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, inkluż l-issodisfar tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 19(1) tat-TUE dwar il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva. F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza eżistenti turi r-riżultati siewja tal-kooperazzjoni bejn il-QtĠ u l-qrati nazzjonali fi ħdan il-kuntest tal-Artikolu 267 tat-TFUE. Din hi mistennija tkompli. Il-Kummissjoni se ssegwi u tivvaluta bir-reqqa l-ġurisprudenza l-ġdida rilevanti li tistabbilixxi l-QtĠ, u se tikkunsidra li taġġorna din in-Notifika jekk ikun hemm bżonn fil-ġejjieni.

*ANNESS I*

**Lista tal-ġurisprudenza rilevanti tal-QtĠ għall-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali**

Is-Sentenza tat-30 ta' Mejju 1991, *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* C- 361/88, EU:C:1991:224

Is-Sentenza tas-17 ta' Ottubru 1991, *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* C-58/89, EU:C:1991:391

Is-Sentenza tal-24 ta' Ottubru 1996, *Kraaijeveld*C-72/95, EU:C:1996:404

Is-Sentenza tal-14 ta' Lulju 1998, *Safety Hi-Tech* C-284/95, EU:C:1998:352

Is-Sentenza tad-29 ta' April 1999, *Standley* C-293/97, EU:C:1999:215

Is-Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2000, *Il-Kummissjoni vs Franza* C-374/98, EU:C:2000:670

Is-Sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, *Wells* C-201/02, EU:C:2004:12

Is-Sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, *Waddenzee* C-127/02, EU:C:2004:482

Is-Sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, *Unibet* C-432/05, EU:C:2007:163

Is-Sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, *Janecek* C-237/07, EU:C:2008:447

Is-Sentenza tal-15 ta' April 2008, *Impact* C-268/06, EU:C:2008:223

Is-Sentenza tat-3 ta' Lulju 2008, *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* C-215/06, EU:C:2008:380

Is-Sentenza tas-16 ta' Lulju 2009 *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* C-427/07, EU:C:2009:457

Is-Sentenza tat-30 ta' April 2009, *Mellor* C-75/08, EU:C:2009:279

Is-Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009, *Djurgården* C-263/08, EU:C:2009:631

Is-Sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, *Bund für Umwelt und Naturschutz* C-115/09, EU:C:2011:289

Is-Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2011, *Boxus* Il-Kawżi Magħquda C-128/09 sa C-131/09, C-134/09 u C-135/09, EU:C:2011:667

Is-Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011 *LZ I* C-240/09, EU:C:2011:125

Is-Sentenza tas-26 ta' Mejju 2011, *Stichting Natuur en Milieu* C-165 sa C-167/09, EU:C:2011:348

Is-Sentenza tas-16 ta' Frar 2012, *Solvay u oħrajn* C-182/10, EU:C:2012:82

Is-Sentenza tat-28 ta' Frar 2012 *Inter-Environnement Wallonie* C-41/11, EU:C:2012:103

Is-Sentenza tal-15 ta' Jannar 2013, *Križan*C-416/10, EU:C:2013:8

Is-Sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, *Leth* C-420/11, EU:C:2013:166

Is-Sentenza tal-11 ta' April 2013, *Edwards u Pallikaropoulos* C-260/11, *EU:C:2013:221*

Is-Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, *Inuit* C-583/11P, EU:C:2013:625

Is-Sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, *Altrip* C-72/12, EU:C:2013:712

Is-Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, *Fish Legal u Shirley* C-279/12, EU:C:2013:853

Is-Sentenza tat-13 ta' Frar 2014, *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit* C-530/11, EU:C:2014:67

Is-Sentenza tad-19 ta' Novembru 2014, *Client Earth* EU C-404/13, EU:C:2014:2382

Is-Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, *East Sussex* C-71/14, EU:C:2015:656

Is-Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* C-137/14, EU:C:2015:683

Is-Sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, *Grüne Liga Sachsen* C-399/14, EU:C:2016:10

Is-Sentenza tal-21 ta' Lulju 2016 *Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija* C-104/15, EU:C:2016:581

Is-Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, *Gruber* C-570/13, EU:C:2015:683

Is-Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2016, *Association France Nature Environnement* — C-379/15 EU:C:2016:603

Is-Sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, *LZ II* C-243/15, EU:C:2016:838

Is-Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, *Eco-Emballages*, C-313/15 u C-530/15 EU:C:2016:859

Is-Sentenza tas-17 ta' Novembru 2016, *Stadt Wiener Neustadt* C-348/15. EU:C:2016:882

L-Ordni tal-President tal-Qorti tal-24 ta' April 2008 f'*Il-Kummissjoni vs Malta* C-76/08 R EU:C:2008:252

Opinjoni 1/09, *Ħolqien ta' Sistema Unifikata ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim fil-Qasam tal-Privattivi*, EU:C:2011:123

*ANNESS II*

## L-istrumenti attwali ċċitati tal-UE

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ("id-Direttiva dwar il-Ħabitats") (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7);

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli ("id-Direttiva dwar in-Nitrati") (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1);

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ ("id-Direttiva dwar l-Iskart mill-Imballaġġ") (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10);

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ("id-Direttiva dwar l-Ilma Tax-Xorb") (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32). Din tieħu post id-Direttiva 80/778/KEE;

Ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sostanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ("ir-Regolament dwar l-Ożonu") (ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1). Dan jieħu post ir-Regolament (KE) Nru 3093/94;

Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ("id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma") (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1);

Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent ("id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika" jew "id-Direttiva VAS" (ĠU L 197, 21.7.2001 p. 30;

Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Diretiva tal-Kunill 90/313/KEE ("id-Direttiva dwar l-Aċċess għat-Tagħrif Ambjentali") (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26);

Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Eewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja ("id-Direttiva dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika") (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17);

Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ("id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali") (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56);

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall- ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (2005/370/KE) (ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1);

Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ("ir-Regolament ta' Aarhus") (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13);

Id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE ("id-Direttiva dwar l-Ilma għall-Għawm") (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37);

Id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ("id-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni") (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15);

Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) ("id-Direttiva INSPIRE") (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1);

Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU C 303, 14.12.2007, p. 17);

Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa ("id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja") (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1);

Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi ("id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart") (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3);

Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ("id-Direttiva dwar l-Għasafar Selvaġġi") (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7);

Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ("id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali") (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17);

Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ("id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali") (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1); din tieħu post id-Direttiva 85/337/KEE;

Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill Nru 96/82/KE ("id-Direttiva Seveso III" jew "id-Direttiva dwar Perikli ta' Inċidenti Kbar") (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1);

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet skont il-Liġi tal-Unjoni (2013/396/UE) ("ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rimedju Kollettiv") (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 60);

Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE ("id-Direttiva dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet" jew id-"Direttiva NEC") (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).